MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 80/2001/1

Il-Pulizija
(Supt. Daniel Gatt)
(Supt. M. Bayliss)
(Spettur K. Ellul Bonici)
Vs

Andrew Ellul Sullivan
Joseph Ellul Sullivan
Carmel sive Charles Ellul Sullivan
Philip Azzopardi

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar sentejn, (qabel is-6 ta' Frar, 1992) meta kienu u bhala Diretturi ta' Tessons Ltd u dana fir-rigward ta' Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan u ta' J. Cachia Caruana Limited, u dana fir-

rigward ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) Xjentement ghamlu uzu minn entries tad-Dwana, ossia cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahn minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, liema entries kellhom fuqhom timbru falsifikat;

b) Xjentement ghamlu uzu minn sigilli, timbri jew marki tad-Dwana foloz, li kienu qieghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ propjeta’ pubblika jew li kienu taht il-kustodja pubblika;

c) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi urew haga b’ohra sabiex gaghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama, jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn LM 500 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

d) Fil-konfront ta’ Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, akkuzati talli meta huma kienu u bhala Diretturi tal-Kumpanija Tessons Limited impurtaw ghalihom f’dawn il-Gzejjer numru ta’ containers b’merkanzija ta’ valur globali LM433772.55,6, sussegwentement korretta b’digriet tat-3 t’April, 1992 ghal LM 440,547.55,6 dazju fuqhom LM129459.00,0, sussegwentement korretta bl-istess digriet ghal LM131,152.00,0 levy LM301313.20,0 kif jidher mal-lista anessa u bil-hsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta’ importazzjoni, xjentement ghamlu uzu minn dokumenti li bid-dehen taghhom kienu jafu li kienu foloz f’dettal sostanzjali u b’hekk bil-qerq warrbu mill-post ta’ kustodja dawn l-istess containers qabel ma d-dazju w l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati bi ksur ta’ l-Art. 60(a)(k) u l-Art. 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att. XXXI tal-1989;

e) Fil-konfront ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana talli, meta

huma kienu u bhala Diretturi tal-Kumpanija J. Cachia Caruana Limited impurtaw ghalihom f’dawn il-Gzejjer numru ta’ containers b’merkanzija ta’ valur globali ta’ LM272714.17,0 dazju LM71255.00,0 u levy LM210062.00,0 kif jidher mill-lista annessa u bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta’ importazzjoni, xjentement ghamlu uzu minn dokumenti li bid-dehen taghhom kienu jafu li kienu foloz f’dettal sostanzjali u b’hekk bil-qerq warbu mill-post ta’ kustodja dawn l-istess containers jew parti mill-kontenut taghhom qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati bi ksur ta’ l-Art. 60 (a)(k) u l-Art. 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att XXXI tal-1989;

f) Fil-konfront ta’ Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan, f’isem id-Diretturi tal-Industrija, akkuzati talli, hekk kif muri fl-akkuza (4) bhala Diretturi tal-Kumpanija Tessons Limited, b’qerq warbu mill-post ta’ kustodja numru ta’ containers qabel ma l-levy dovuta giet imhalsa jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Att nru. XXXI tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali;

g) Fil-konfront ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi, f’isem id-Direttur ta’ l-Industrija, akkuzati talli, hekk kif muri fl-akkuza (e) bhala Diretturi tal-Kumpanija J. Cachia Caruana Limited, b’qerq warbu mill-post ta’ kustodja numru ta’ containers qabel ma l-levy dovuta giet imhalsa jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Att XXXI tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali;

h) Fil-konfront ta’ Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi akkuzati talli b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi urew haga b’ohra sabiex gieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kretti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza dwar xi haga kimerika, ghamlu qliegh b’qerq ta’ aktar minn LM500 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta. (Din l-ahhar akkuza giet mizjuda b’digriet tat-3 t’April, 1992).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (Fol. 961 u 962 tal-process) li biha indika l-artikoli tal-ligi li tahthom setghet tinstab htija kontra kull wiehed mill-erba imputati.

Rat il-verbal tal-istess imputati tal-15 ta’ Dicembru, 1998, li bih iddikjaraw li jixtiequ li l-kaz taghhom jigi trattat sommarjament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 t’April, 2001, li biha wara li rat l-Artikolu 77 tal-Kap 37 ma sabitx lill-imputati hatja skond l-akkuzi w illiberathom minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 t’April, 2001, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-imputati appellati gew liberati mill-akkuzi kollha u, minflok, issib u tiddikjara htija ta’ l-istess appellati u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ astensjoni tal-Onor. Imhallef Dr. Patrick Vella tad-29 t’ Awwissu, 2001 u dik tal-Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano tas-7 ta’ Settembru, 2001 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-prosekuzzjoni w tal-abbli avukati tad-difiza tal-erba appellati fil-kors tas-seduti tal-21 ta’ Marzu, 30 ta’ Mejju, 6 ta’ Gunju, 17 u 18 t’ Ottubru, 2002, u rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta’ Frar u 11 ta’ Lulju, 2002 ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali w tal-appellati Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi tal-25 t’ Ottubru, 2002 ;

Ikkonsidrat ;

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti proceswali u minn dan l-ezami johrogu s-segwenti fatti saljenti :-

L-appellati Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan kienu l-unici shareholders u diretturi tas-socjeta’ TESSONS LIMITED u dana kif jirrizulta mix-xiehda taghhom u mill-kopja tal-Annual Return datata 23 ta’ Awwissu, 1991 u prezentata lid-Dipartiment tal-Partnerships ,kif kien maghruf dak iz-zmien ,fit-3 ta’ Settembru, 1991 (Vol. I , p.440) .L-appellati Carmelo sive

Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi kienu l-unici diretturi tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited u kellhom bejnithom zewg terzi tal-azzjonijiet tal-istess socjeta' flimkien mas-socjeta' A. & S. Holding Company Limited li kellha t-terz rimanenti w dana skond ix-xiehda taghhom u mill-Annual Return datat 14 ta' Dicembru, 1991 u registrat mall-Partnerships fid-9 ta' Jannar, 1992 ( Vol. I . fol. 458).

Dawn iz-zewg socjetajiet kienu attivi sew fin-negozju tal-importazzjoni , u , bhal importaturi ohrajn , kellhom ovvjament jottemperaw ruhom mal-proceduri tad-Dwana ta' Malta kull meta kienu jimportaw merkanzija. Senjatament huma kellhom , mal-wasla tal-merkanzija f' Malta, jimlew il-customs entry forms relattivi w jipprezentawhom lid-Dwana . Dawn jigu registrati u umbaghad jintbaghtu fil-“long room” fejn jigu processati . Minn hemm - sa Marzu, 1990- kienu jerghhu jinghataw f'idejn l-importatur biex hu mbaghad johodhom ghand il-kaxxiera w jhallas id-dazju w,meta jaghmel dan, jinghata timbru fuq l-istess entry bil-kliem “CUSTOMS – MALTA , id-data li tkun , numru u tahthom “RECEIVED PAYMENT”, liema timbru – sal-20 ta' Gunju, 1991- kien ikun akkumpanjat biss minn inizjali tal-kaxxier li jircevi l-pagament . Munit b'dan it-timbru , l-importatur kien umbaghad imur jirtira l-merkanzija fil-prezenza tar-releasing officer tad-Dwana jew fil-bond jew fejn jigi “unstuffed” il-container . Wara Marzu, 1990, id-Dwana pero' kienet hasset il-htiega li tikkontrolla ahjar din il-procedura billi minnflok ma l-entries processati mill-“long room” komplew jinghataw f'idejn l-importatur jew il-burdnar jew impjegat jew agent tieghu , bdew jintbaghtu ghand il-kaxxiera direttament u internament . L-importatur umbaghad kien imur ghand il-kaxxiera , jistaqsi jekk l-entry tieghu tkunx giet processata bil-lest u ,f' kaz affermattiv, ihallas id-dazju w jirtira l-entry ittimbrata w inizjalata mill-kaxxier, kif issemma fuq u jmur ghand ir-releasing officer . Dan il-bdil fil-procedura sar ghax id-Dwana hasset li bis-sistema precedenti seta' jkun hemm xi kaz ta' timbri “received payment” foloz.

Fuq xi mbekkata jew taghrif li d-Dipartiment tal-Kummerc kien irceva , dan ikkomunika mad-Deputat Kontrollur tad-

Dwana (ara depozizzjoni ta' Anthony Pavia a fol. 161 , Vol. I) w dan tal-ahhar hass li kellu jibda jinvestiga l-entries tas-socjetajiet fuq imsemmija u ,fuq firxa ta' zmien bejn Gunju 1990 u Mejju 1991 fil-kaz ta' Tessons Limited u bejn Frar, 1990 u Gunju, 1991 , fil-kaz ta' J. Cachia Caruana Limited , instabu numru ta'entries li ghalkemm kienu debitatament registrati w processati mill-long room (fol. 131, Vol. I) , id-dazju fuqhom ma kienx jirrizulta li ddahhal fil-cash books tad-Dwana (fol. 126 Vol. I) . Dawn l-entries gew skematizzati fil-prospetti li jinsabu a fols. 14 sa 21, 23 sa 26 , 28 sa 30 (Vol. I tal-process) u a fols. 232 sa 239 ( Vol.II.tal-process - fir-rigward ta' merkanzija ohra li kienet instabet li dahlet f'container gdid numru TROSJ3780). Dan ta lok ghall-investigazzjoni nterna w sahansitra d-Dipartiment anki baghat it-timbri li kienu jintuzaw mill-kaxxiera fil-Germanja biex jigu komparati mal-marki tat-timbri li kienu jidhru fuq l-entries in kwistjoni . Saret tfittxija fl-ufficcji tas-socjetajiet u fid-djar tal-appellati w gew elevati kwantita' ta' dokumenti , fosthom zewg cash books tas-socjeta' Tessons Ltd (Dok. EB 1 u EB2) u ghadd ta' diskettes tal-computer tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited (Dok. MB 5) li wara saru print-outs taghhom (Dok. MB 4 ) li jirrigwardaw hlasijiet li suppost saru lid-Dipartiment tad-Dwana relattivament ghall-entries in kwistjoni . Ma nstabu ebda timbri foloz la ghand l-erba imputati w lanqas fl-ufficcji tas-socjetajiet taghhom rispettivi .

Kien hemm ukoll kaz wiehed tal-kumpanija J. Cachia Caruana Limited, fejn ghalkemm jidher li bdiet tigi pprocessata entry ghall-importazzjoni mit-triplicate tal-entry form safra elevata mill-ufficcju tal-istess socjeta' (Dok. HA95 a fol.144 , Vol. I) ghall-merkanzija li suppost kienet waslet mall-vapur Japan Sea fid-19 ta' Gunju, 1991 , wara rrizulta li din il-merkanzija ma waslitx f' dik l-okkazzjoni , izda waslet f'data sussegwenti w giet debitament processata mill-gdid mid-Dwana w d-dazju dovut imhallas fuq id-dokument HA 169 (Fol.157) , u dana ghalkemm skond id-dokument HA95 (ii) jew 2, li hu fotokopja li d-Dwana rceviet mid-Dipartiment tal-Kummerc ,d-dazju fuq l-istess konsenja, skond it-timbru “Received Payment” li hemm fuqha , suppost li kien diga thallas .

Dan id-dazju li suppost kien thallas pero' qatt ma ntalab refund tieghu (fol.127, Vol. I).Ghalkemm l-original ta' dan id-dokument ma giex esebit, gie pero' spjegat li d-Dipartiment tal-Kummerc ma jkollux l-original f'idejh ghax dan jinghata lura lill-importatur u d-Dipartiment izomm biss fotokopja. Dwar dan id-dokument isiru konsiderazzjonijiet ulterjuri aktar 'l quddiem f' dis-sentenza.

Fir-relazzjoni tieghu (Fol. 963 , Vol.IV) l-espert forensiku IVAN FORMOSA , kkonkluda li ebda wiehed mit-timbri mmarkati bhala document V1 sa V17 tal-marka Reiner Security Bank Numerating Machines ma kienu uzati biex saru l-improbri fuq id-dokumenti HA1 sa HA 47 u HA 68 sa HA 95 u cioe' fuq il-Customs Entry forms li l-Prosekuzzjoni qed tallega li ma thallasx id-dazju fuqhom . L-impronti fuq dawn id-dokumenti originaw minn tal-inqas erba (4) timbri differenti.

Fir-relazzjoni taghhom (Fol. 804, Vol. IV) EDWARD CAMILLERI w RAPHAEL ALOISIO kkonkludew li mill-kuntrasti li huma ghamlu , il-hlas ta' LM432,465. u LM282,708.23c8m indikati li sar mid-ditti Tessons Limited u J. Cachia Caruana Limited rispettivament ,import ta' dazju u levies dovuti skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files T1 u JCC1 , in effett , skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana , ma sarux. Fil-kontroezami taghhom (Fol. 807 , Vol. IV) dawn l-espertu qalu : "Ahna ma nistghux nghidu kategorikament u b' mod esklussiv li l-hlas ma sarx . Li nistghu nghidu huwa li mill-cash books li ezaminajna , dan il-hlas ma jirrizultax li sar…..il-hlas , jekk sar mhux imdahhal fil-cash books . Huwa minnu li ahna ezaminajna l-entry forms. Huwa minnu li fl-entry forms hemm timbri li juru li sar il-pagament . Fuq domanda tad-difensur jiena nghid ukoll illi ghalkemm jirrizultali t-timbru fuq dawn l-entry forms, ahna peress li ma sibniex il-hlas rispettiv indikat fil-cash books , ahna ghidna li hlas ma sarx. "

Saret investigazzjoni ulterjuri fuq l-inizjali li kienu jidhru fuq l-entry forms in kwistjoni w skond id-Dwana ,dawn ma qablux ma dawk tal-persuni li kienu jaghmluha ta' kaxxiera fil-periodu in ezami . Gew prodotti bhala xhieda f'dan il-

process ghadd ta' persuni li kienu jservu ta' kaxxiera fil-periodu in ezami w dawn kollha cahdu li xi wahda mill-inizjali li tidher fuq l-entry forms esebiti hija taghhom. Dawn il-kaxxiera rrizulta li kienu jimbidlu ta' spiss u gieli kien hemm minnhom li jissejhu minn branki ohra tad-Dipartiment u li anki xi minn daqqiet kienu jservu bhala releasing officers . Fil-cash office umbaghad – barra il-kaxxier li jircevi l-hlas - ikun hemm skrivan iehor li jnizzel fil-cash books l-ammonti li jkunu jidhru fuq l-entries tal-gurnata li jkun ittimbra l-kaxxier .

Xehdu ukoll numru ta' releasing officers li kollha xehdu li l-oggetti ndikati fl-entry forms in kwistjoni gew rilaxxjati minnhom ghab-bazi tat-timbru "received payment" li kienu jaraw fuq id-dokument relattiv. Gew ukoll prodotti ghadd ta' importaturi ohra li kkonfermaw li huma kienu hallsu id-dazju li kien jidher fuq entry forms taghhom u li huma kienu ssottomettew lid-Dwana izda li rrizulta li kellhom l-istess numri tat-timbru bhal dawk li dehru fuq id-diversi entry forms taz-zewg socjetajiet in kwistjoni li d-Dwana qed issostni li l-hlas tad-dazju fuqhom ma kienx dahal fil-cash books u allura ma kienx sar .

Wara li kienu bdew jinstabu uhud mill-fatti fuq riepilogati ,fl-20 ta' Gunju, 1991, id-Dipartiment tad-Dwana ntroduca sistemi godda ta' sikurta fl-ipprocessar ta' dawn l-entry forms, u flimkien ma dawk il-mizuri li kienu ddahhlu f' Marzu, 1990 , assikura li jinbidlu t-timbri uzati sa dak iz-zmien w esiga li tibda tinghata ricevuta shiha w kompleta ghall-ammont tad-dazju li jkun thallas u li tali ricevuta kellha ggib il-firma ntiera w mhux biss inizjali tal-kaxxier. Inoltre, r-releasing officers , qabel ma jirrilaxxjaw il-merkanzija , barra milli li jaraw it-timbru "received payment", riedu jiccekkjaw l-entry form mal-lista li kien beda jaghtihom id-Dipartiment, f' liema lista kien ikun hemm il-pagamenti li jkunu effettivament saru w gew rekordjati fil-cash book , in-numru tal-entries u l-isem tal-importatur (Fol. 127 Vol. I)

Fost dawk li xehdu, mid-Dipartiment tad-Dwana kien hemm HERBERT AGIUS li kkoordina l-investigazzjoni w xehed dwar kif il-kaz gie a konoxxenza tad-Dwana w l-

passi li ttiehdu w investigazzjoni li saret wara li l-kaz gie a konoxxenza tad-Dipartiment , kif ukoll dwar il-proceduri ezistenti qabel Marzu 1990 u wara Gunju, 1991. ALDO SANT spjega kif kienu jahdmu t-timbri tad-Dwana esebiti w li kienu jintuzaw fiz-zmien in ezami u li c-cwievet tat-timbri kienu jkunu fis-safe u li dawn ma kienux taht il-kontroll esklussiv tieghu . (Fol. 469 et seq. Vol. II) . Il-messaggier ALFRED CRISTIANO li ukoll jaghmilha ta' money teller spjega s-sistema ta'cwievet tas-safe li fihom kienu jinzammu t-timbri w l-flus li jingabru (Fol. 705 , Vol.III) . MARY ANNE ABELA u JOEANNE GRECH (fols. 718 et seq. u 725 et seq.) spjegaw is-sistema kif kien jithaddmu l-cash books. MARY ROSE DEBONO (Fol. 541 et seq.Vol. III) spjegat kif kienet is-sistema li jingabu t-timbri mis-safe anki mill-kaxxiera stess kulltant . (Fol.558) . JOSEPH MICALLEF impjegat tad-Dwana (Fol. 604 et seq. Vol. III) mistoqsi kif kienet il-procedura mill-Ewwel Qorti fl-14 t' Awwissu, u f' Novembru,1990 , wiegeb b'certezza li l-entry form , wara li tigi processata kienet tmur ghand il-"jerquer" (Sic! x'aktarx kienu qed jirriferu ghal "checker" jew"sorter") u minnghand dan tmur direttament ghand il-kaxxier.F'ebda hin ma tmur ghand l-importatur qabel ma tghaddi mill-cash office. Hu kien gie li ra lill-appellati Andrew u Joseph Ellul Sullivan u lil Franco Farrugia fil-"long room" . Lil Charles Ellul Sullivan ma jidhirlux li kien rah. Hija procedura li xi kulltant l-importaturi jithallew jidhlu fil-"long room" u dana meta jkollhom xi diffikultajiet u dan isir bil-permess u min jidhol ikun akkompanjat minn messaggier li jindika lill-importatur fejn ghandu jmur biex ikellem lil xi Administrative Officer jew xi skrivan. Huma ma ghandhom xejn imsakkar u x' hin hu jwarrab u jitlaq minn hdejn l-iskrivanija , m'ghandux kontroll jekk jigi xi hadd u jiehu xi dokumenti li jrid hu. LOUIS FLORIAN , kaxxier id-Dwana, (fol. 619 et seq. Vol. III) spjega il-procedura ghal dak li hu kustodja tal-flus u tat-timbri li ghalihom kien responsabbli hu u li kienu jinqaflu fis-safe . Qal ukoll li l-"money teller" mhux suppost jitlaq ic-cavetta minn idejh f'idejn il-kaxxiera , pero' jkun hemm okkazzjoni meta l-"money teller" imur il-bank bil-flus u ghalhekk ihalli c-cavetta biex il-kaxxiera jkunu jistghu jiehdu dak li jkun hemm bzonn mis-safe. Tmenin fil-mija tal-importaturi li jigu jhallsu jidhlu fil-"long room". PAUL

MALLIA (fol. 642 et seq. Vol. III) xehed li hu kien jahdem bhala kaxxier minn April, 1990 sa Marzu, 1992 u f'dan il-periodu l-entry forms kienu jigu mill-"long room" jew mis-sezzjoni tal-emergenza w dawn imorru ghand l-iskrivana fil-cash office. L-importatur li jkun irid ihallas l-ewwel imur ghand l-iskrivana , jaghtiha r-registration number , issiblu l-entry form u meta ssibha din , tnewwilha lill-messaggier u dan jghaddiha lill kaxxier. F' ebda hin ma tinghata lill-importatur.

Gew prodotti mbaghad ghadd ta' xiehda li kienu jagixxu ghan-nom taz-zewg socjetajiet imsemmija fic-citazzjoni w gestiti mill-appellati bhala Diretturi jew xi wahda minnhom . CARMEL ABELA, burdnar , xehed li hu ghan-nom ta' Tessons Ltd. gieli hallas b'cheque jew cash u kulltannt anki xi ammont ta' circa LM20,000 (Fol. 533 et seq. Vol. III) Meta hallas il-pagamenti ghan-nom ta' Tessons Ltd. gieli l-flus tahomlu l-imputat Andrew Ellul Sullivan u gieli mpjegati tas-socjeta' bhal certu Franco w certu Italo izda dwar dan ma jistax jghid bil-preciz ghax ma jiftakarx. ITALO TUFIGNO , clerk ma Tessons Limited (Fol. 539 et seq. Vol. III) , xehed li gie li jhallas b' cheque w gie li cash u cash gie li hallas LM8000, LM18,000 u gie li anki LM23,000.Il-flus kien jaghtihomlu Andrew Ellul Sullivan li kien imur mieghu d-Dwana w jaghtihomlu biex ihallas. FRANCIS FARRUGIA , mpjegat tad-ditta Tessons Ltd. bhala messaggier , (fol. 427 et seq. Vol.II) xehed li gieli hallas b'cheque w gieli cash. Meta kien ihallas cash , il-flus ma kienux ikunu fuqu izda kien ikun hemm l-imputat Andrew Ellul Sullivan li hu Direttur u dan kien jaghtih il-flus biex ihallas bihom u jitlaq. L-ammont li kienu jhallsu cash kien ivarja bejn LM2000 u LM20000. Gie li ukoll hallas LM18,000 f'okkazzjoni wahda, generalment f' noti ta' LM20 . JOSIANNE AZZOPARDI (Fol. 730 et. Seq.Vol. III) bint l-appellat Philip Azzopardi w mpjegata tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited, xehdet li gie li ghamlet pagamenti ta' LM4000 u LM6000 lid-Dwana fi flus kontanti w, ghalkemm ma tiftakarx l-ammonti ezatt , kienu jkunu f' dawk l-akkwati. Kienu wkoll ihallsu b'cheques. Gie li hadet l-entry forms hi fuq istruzzjonijiet tal-appellat Charles Ellul Sullivan. NADIA CASSAR , impjegata ta' Tessons Limited ( Fol. 410 et seq.Vol. II) xehdet li hi m'ghandha ebda

kontroll biex tkun taf jekk xi entry form partikolari kienetx tkun thallset b' cash jew le. Imma meta kienu jkunu qabblu c-cheques li jigu lura mill-bank mall-ammonti li jkunu thallsu, d-differenza tkun thallset permezz ta' flus kontanti , dan mhux ghax hi tafu di xjenza proprja izda ghaliex hekk qalilha d-Direttur Andrew Ellul Sullivan . Hi addottat din il-procedura fuq struzzjoni tal-istess imputat.

CARMEL SIVE LINO FARRUGIA (Fol. 420 et seq. Vol. II) , accountant tas-socjeta' J. Cachia Caruana Ltd. , xehed li ma setax jispjega ghala hemm entry forms li ma jidhrux fuq il-print-outs esebiti fil-process. Suppost illi l-hlas li jsir fuq kull entry form lid-Dwana jidher fuq il-kont ta' J. C. Caruana Limited u fuq il-print-out li johorgu dwar dan il-kont . Normalment kull pagament li jsir lid-Dwana suppost li jigi registrat f' dan il-kont. Ma jeskludix li seta' sar zball u gie registrat fuq kont iehor tal-istess kumpanija.

ADRIAN FARRUGIA , certified accountant ta' Tessons Limited (Fol. 395 et seq. Vol. II),xehed li l-pagamenti w d-dhul li jsiru minn u lis-socjeta' imsemmija jitnizzlu fil-General Ledger , izda meta mar biex idahhal entries go fihom xi jumejn QABEL ma saret it-tfittxija mill-Pulizija, hu ma kienx sabhom fejn is-soltu jhallihom u ma rahomx aktar. Xehed ukoll li ghalkemm ma jiftakarx jekk qatt thallasx cheque lid-Dwana ta' LM40,000 , mill-memorja jiftakar li kien hemm pagamenti lid-Dwana fi flus kontanti ta' LM20,000 u LM30,000 cirka minn Tessons Ltd., pero' dawn kien jipprezumi li saru cash wara li jqabblu l-entries mac-cheques imsarrfa li jircevu minnghand il-Kontrollur tad-Dwana w d-differenza suppost li tkun thallset fi flus kontanti. Pero' dan ma jistax jghidu personalment li jkunu thallsu fi flus kontanti. Pagamenti per mezz ta' cash li jammontaw globalment ghall- LM20,000 kienu jitnaqqsu mill-kont personali tad-Direttur Andrew Ellul Sullivan , fuq struzzjonijiet li kellu minnghand l-istess direttur tul l-ahhar erba snin. Ghaliex kien hemm dil-procedura hu ma jafx. Ghalhekk il-pagamenti kontanti li jsiru lid-Dwana , ma jitnizzlux fil-kotba tal-kumpanija izda fil-kont ta' Andrew Ellul Sullivan. Ic-cheques li jkun sarraf il-Kontrollur tad-Dwana u li kienu jigu lura, kienu jzommuhom sitt xhur ,

umbaghad jaghtuhom lill-Andrew Ellul Sullivan flimkien mall-counterfoils relattivi. Xehed ukoll li ma kienetx haga abnormali li johorgu pagamenti ta' LM17,000, LM4,000, Lm8,000, LM6,000, LM11,000 LM15,000 u LM41,000 f'temp ta' ghoxrin jum.

IS-SUPRATENDENT DANIEL GATT , li mexxa l-Prosekuzzjoni minn-naha tal-Pulizija (fol. 7 et seq. Vol. I) xehed li rigward il-kumpanija Tessons Ltd. hlief il-kotba tal-cash li gew elevati ma nstabu l-ebda records relattivi ghall-hlasijiet li ghamlet il-kumpanija. L-ISPETTUR KEVIN ELLUL BONICI , li ukoll ha parti fl-investigazzjoni xehed li skond ma qal ix-xhud Adrian Farrugia,l-ledger book li l-kumpanija kienet izzomm fih records ta' hlasijiet permezz ta' cekkijiet kien sparixxa jumejn qabel ma saret it-tfittxija mill-Pulizija fl-ufficcini tas-socjeta'. Gew esebiti l-istqarrijiet tal-erba appellati w cioe' dawk ta' Andrew Ellul Sullivan (fols. 34 sa 35 ,Vol.I tal-process) ; Joseph Ellul Sullivan (fols. 36 sa 37, Vol. I) u ta'Carmel sive Charles Ellul Sullivan (Fols. 44 sa 46, Vol. I ) fejn huma ma wiegbu xejn mid-domandi li sarulhom. Fiz-zewg stqarrijiet tieghu , Philip Azzopardi (fol. 47 sa 48, Vol.I) apparti li wiegeb xi domandi ta' natura generika dwar is-shareholding tieghu fis-socjeta' J. Cachia Caruana Ltd. u xi domandi ohra fuq ix-xoghol li kien jaghmel qabel , u ohrajn fejn qal li ma jaghmel xejn affattu fis-socjeta' hlief li jiffirma xi cheques meta Charles Ellul Sullivan ikun imsiefer, ghal xi domandi ohra li sarulu , ghazel li ma jwiegibx.

L-erba appellati mbaghad kienu ghazlu li jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti izda s-sustanza tax-xiehda taghhom issir riferenza ghaliha aktar fid-dettall aktar il quddiem f' din is-sentenza .

***************

Illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali , fil-qosor jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti legalment qatt ma kellha , anzi qatt ma setghet , tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha w dan proprju minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana . L-Avukat Generali jilmenta b'mod partikolari mill-fatt li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar dan l-artikolu stranament , fis-sentenza

appellata gew wara u mhux qabel id-dikjarazzjoni illi l-akkuzi ma kienux sodisfacentement ippruvati , b' mod li ghalhekk is-sekwenza logika giet disturbata w l-karettun tqieghed quddiem iz-ziemel. Il-prova li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana saret "ex abundanti cautela" w allura minn dak il-mument kien jispetta lill-imputati li jaghmlu l-prova , imqar fuq bazi ta' probabbilita' li d-dazju kien thallas . Dan ma sarx u ghalhekk il-prezunzjoni ta' fatt stabilita mill-ligi ma gietx ribattuta w ghalhekk ghandha treggi stante li saret realta' assoluta.

Illi dan l-aggravju jinkorpora fih kemm konsiderazzjonijiet ta' dritt kif ukoll konsiderazzjonijiet fattwali. Din il-Qorti thoss li ghandha l-ewwel nett tikkonsidra il-pozizzjoni legali li tohrog mill-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana.

KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap.37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata "funditus" f' numru ta' sentenzi tal-Qrati Taghna .Hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Victor Calleja" [24.8.1990] gie ritenut hekk :-

*"Il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima " deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 "*

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et.. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l-artikoli . Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il-pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni ."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad , din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk :- "*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*

*"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l-Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita , min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana , huwa awtomatikament passibbli minghajr il-htiega tal-prova tax-xjenza."*

*"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

*"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita . Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt . Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali ,a tenur tal-Artikolu 77 , irid jaghmel il-prova hu."*

*"Paragrafi ohra ,pero' , jirrikjedu ix-xjenza . Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju , il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex*
*a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni '*
*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata ,*
*c) jew tali oggetti kienu zdazjati ,*
*d)jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud , jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement , altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*“Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf , li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta’ natura ta’ dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-kap. 37 “*

*“Taht l-Artikolu 77 .”*

*Dan japplika , kif juri l-istess Artikolu , meta tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi ecc. “*

*“Fi kliem iehor , fil-fehma tal-Qorti* dan *l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l-piz tal-prova , meta l-imputat jinvoka tali fatti .”*

*“jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas , jipprova hu.”*

*“Dan japplika f’kull kaz , anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza . Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f’dawn il-kazijiet , imma jekk l-appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77 , il-prova jrid iforniha hu . U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta’ Mario Scicluna.”*

u f’parti ohra tal-istess sentenza appena citata il-Qorti affermat li :-

*“Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta’ Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi proceddiment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta’ dan taqa’ fuq l-imputat .“*

*“In sostenn ta’ tali principju , l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk : “kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.“*

Umbaghad fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Mary Deguara" [7.9.1990] gie deciz li :-

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza ." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht tali artikoli ."*

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi " [22.9.1993] fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-

*" Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali , illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz , il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re. 'Il-Pulizija vs. Anthony Preca', fejn , ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat , kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija .F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re "Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia" deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991 , kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju , il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat , cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor . F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghalll-kontravvenzjoni ir-rekwizit tax-xjenza , igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

u

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li id-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas , kellu r-rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid* joqghod attent *f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox , x'tip ta' attivita' kienet qed issir mill-appellant . Ghal dan il-fini , din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti , jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir , tinkombi fuq il-prosekuzzjoni , imbaghad una volta stabilit dan , cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri , l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi . Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg" [23.9.1994] fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.

Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Louis Frendo" [12.3.1999] :-

"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz , il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf , jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi , li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas . Din hi t-tifsira ta' dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37 ."

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju / levy ma kienx thallas :-

"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju / levy fuq dawk l-oggetti kien thallas . Fil-kaz odjern u f'kazijiet simili , kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas , u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant ."'

L-import tal-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Said " [26.11.1992] u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant" [4.2.1994] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et" [31.7.1998] gie ritenut :-

"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew
li ma giex kawtelat , izda ghal kuntrarju , ……kien imiss lill-appellant jipprova illi d-
dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat . L-
oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas . Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm ' l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."

Illi l-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37) ma fiha ebda dispozizzjoni tal-ligi espressa li tittratta r-responsabbilta' tad-diretturi ta' socjetajiet kummercjali li jkun involuti f' xi ksur tad-dispozizzjonijiet taghha. Hawn ghalhekk wiehed irid jaqa' fuq id-dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act (Kap.249) li fl-artikolu 13 jghid testwalment hekk :-

"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f' xi Att , li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att , isir minn korp jew ghaqda ta' persuni sew jekk tkun persuna

guridika jew le kull persuna li , fil-hin tal-eghmil tar-reat , kienet direttur , manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda , jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga , tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat
"Izda, hlief dwar reati taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispozizzjoni li tixbah id-dispozizzjoni ta' dan l-artikolu , id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw biss ghal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ."

Illi l-Interpretation Act kien in effetti dahal in vigore fi Frar, 1975 u l-artikolu 13 fuq citat ma jidhirx li kien gie effettwat b'xi emendi sussegwenti. Ghalhekk dan hu applikabbli ghall-kaz odjern fejn ir-reati addebitati lill-appellati jirrisalu ghall-periodu ferm sussegwenti ghall-1975. Dan ifisser li jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li saru reati mis-socjetajiet kummercjali li taghhom l-appellati kienu diretturi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati , hemm prezunzjoni "juris tantum" tal-htija taghhom ukoll individwali ,sakemm ma jippruvawx, al menu sal-grad tal-probabbilita' rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali , li r-reati jkunu saru minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reati in kwistjoni .

Illi kif jghid L.C.B. GOWER ("Modern Company Law" 2nd. Edit.(1957) p.138) :-

"Recent years have seen a further development whereby the rule that the acts of directors are treated as those of the company is, in effect, applied in reverse , so that the acts of the company are treated as those of all its directors . Many modern statutes and regulations provide that if an offence is committed by a company , every director or officer shall be guilty of that offence unless he proves that it was committed without his consent and that he exercised due diligence to prevent its commission."

Illi stabilita l-pozizzjoni legali in materia li tirrigwarda dan l-aggravju tal-Avukat Generali , din il-Qorti, qabel ma tidhol fl-aspett fattwali tieghu, thoss li jkun aktar opportun li jigu ezaminati ukoll l-aggravji l-ohra li huma aktar t'indoli legali , billi dawn b'mod jew iehor jistghu wkoll jincidu fuq l-ezami approfondit dwar apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti li jrid isir minn din il-Qorti .

L-Ewwel Qorti jidher li - bhala ordni kif ipprocediet - l-ewwel investiet il-kwistjoni dwar jekk il-Prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova il-kaz taghha fuq il-fatti kif irrizultawla pruvati. Forsi pero' kien il-kaz li l-Ewwel Qorti l-ewwel u qabel kollox taghmel distinzjoni bejn ir-reati kontemplati mill-Kodici Kriminali fejn taht ebda cirkostanza ma jintefa' ebda piz ta' prova fuq l-appellati w dawk li jaqghu taht l-Ordinanza tad-Dwana , kif interpretati fil-gurisprudenza fuq riportata, fejn, wara li l-Prosekuzzjoni taghmel prova li l-oggetti in kwistjoni jkunu dahlu Malta , li "prima facie" jidher li d-dazju w levy fuqhom ma thallsux u li l-oggetti in kwistjoni kienu taht il-kontroll tal-appellati , kien umbaghad jinkombi fuq l-appellati , jekk qed isostnu li d-dazju verament thallas , li jaghmlu huma l-prova ta' dan , dejjem sal-grad mistenni minnhom u cioe' fuq bazi ta' probabbilita'.

Illi l-parti principali tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti kienu dwar jekk saritx il-prova minghajr dubju ragonevoli u x'valur probatorju kellu jinghata lic-"circumstantial evidence" li ngabet mill-Prosekuzzjoni . L-Ewwel Qorti hekk umbaghad waslet biex ikkonkludiet li kien hemm "dubju ragjonevoli fuq l-identita' tal-awturi tar-reati li bihom l-imputati qed jigu akkuzati….u li ma jistax jinghad li l-akkuzi dedotti kontra l-imputati gew sodisfacentement provati skond il-ligi penali." Illi huwa minnu wkoll li kien biss fl-ahhar paragrafu tas-sentenza fejn issemma l-Artikolu 77 tal-Kap.37 u dan minghajr ebda riferenza ghall-gurisprudenza fuq citata. L-Ewwel Qorti qalet biss li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu "ghandha tkun fil-parametri ta' dak li hu ragonevoli u ekwu fic-cirkostanzi tal-kaz ." Umbaghad fi ftit linji ddisponiet mill-import ta' dan l-artikolu ghab-bazi tal-apprezzament tal-fatti tal-kaz , b'mod li l-

Avukat Generali w anki , del resto , din il-Qorti jhossu li thalla “molto a desiderare” .

Di fatti l-Ewwel Qorti kkonkludiet li “l-unika prova ufficjali li seta’ kellhom l-imputati tal-hlasijiet tad-dazju pretiz huwa proprju t-timbru maghmul mid-Dwana bl-ittri “received payment” fuq l-entry forms rispettivi . Dan it-timbru fil-fatt kien sar fuq l-entry forms kollha moghtija lill-imputati . Di fatti dawn kienu gew ezaminati mir-releasing officers u l-merkanzija kienet giet rilaxxjata . Il-fatt li t-timbri kienu falsi ma jimmilitax kontra din il-konsiderazzjoni , stante li l-falsita’ ma kienetx wahda grossolana b’mod li ma kienetx evidenti ghall-occhio nudo u giet biss konstatata biss wara ezamijiet forensici , argumentat l-Ewwel Qorti .

Illi din il-Qorti thoss li din is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li bil-mod kif ipprocediet l-Ewwel Qorti “is-segwenza logika giet disturbata u l-karrettun tqieghed quddiem iz-ziemel” , ghandha certa fondatezza specjalment b’riferenza ghall-akkuzi taht l-Ordinanza tad-Dwana ghaliex l-Ewwel Qorti fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , jmissa l-ewwel ezaminat jekk il-Prosekuzzjoni waslitx biex taghmel al menu prova “prima facie” li id-dazju fuq l-oggetti importati f’ Malta u zdoganati mill-appellati ma kienx thallas . Umbaghad stabilit dan , tinverti l-oneru tal-prova fuq l-appellati jekk kienu qed jikkontendu li id-dazju effettivament kien thallas u tara jekk din il-prova da parti tal-appellati saritx al menu sal-grad tal-probabbilta’ kif titlob il-ligi penali fir-rigward tal-grad ta’ prova li jrid jilhaq – jekk jaghzel li jipprova xi haga l-imputat. Mhux hekk sar fis-sentenza appellata pero’.

Jekk umbaghad il-konsiderazzjonijiet ta l-Ewwel Qorti dwar l-apprezzament ta’ fatt kemm ghal dak li jirrigwarda x’ippruvat u x’ ma ppruvatx il-Prosekuzzjoni w x’kellhom jippruvaw l-imputati appellati kienux logici w ragjonevolment u legalment sostenibbli , dan jigi trattat aktar il quddiem f’ dis-sentenza wara li jigu trattati aggravji ohra ta’ indoli legali piuuost milli fattwali .

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Generali huwa li s-sentenza appellata hija affetta minn difetti logici fid-dawl ta’ dak li

rrizulta mill-provi . Dan , skond l-Avukat Generali, jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt ta' l-informazzjoni dwar biegh bl-irhis fuq is-suq ta' certi prodotti li kien qed isir fiz-zmien rilevanti mill-imputati.

Illi dwar dan l-aggravju pero' d-difiza tobbjetta b' mod serrat li din l-"informazzjoni" li suppost waslet ghand id-Dipartiment tal-Kummerc u, tramite dan, lid-Dipartiment tad-Dwana qatt ma giet konfermata quddiem l-Ewwel Qorti mill-persuna jew persuni li allegatament tawha lid-Dipartiment koncernat. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha fil-process u taqbel mad-difiza li qatt ma gew prodotti xiehda jew provi dokumentarji li jissostanzjaw din l-allegazzjoni . Ghalhekk kienu x' kienu dawn ir-rapporti w kienet x'kienet il-portata taghhom dawn jibqghu "detto del detto" u "hearsay evidence" u zgur li ma jikkostitwux l-aqwa prova fir-rigward . Jigi rilevat fl-ewwel lok li s-Supretendent Daniel Gatt fid-depozizzjoni tieghu li ghaliha jirriferi l-Avukat Generali fir-rikors tal-Appell, imkien ma jsemmi din l-allegazzjoni dwar biegh ta' prodotti bi prezz baxx. Umbaghad id-Deputat Kontrollur Tad-Dwana Anthony Pavia (a fol.161 tal-process) kull ma jghid hu s-segwenti :-

"..f' Mejju, 1991, id-Direttur tal-Industrija Mario Farrugia kien infurmani illi kien hemm kumpaniji lokali , cioe' kumpanija lokali , li jista' jkun li hija l-Edible Oil Company Limited , li rrapurtat li l-kumpanija Tessons Limited kienet qed timporta gelati li ma kienetx qed thallas dazju fuqhom , cioe' li ma kienetx qed thallas levy fuqhom . L-ilment origina mill-fatt illi skond din il-kumpanija , dawn il-gelati mill-kumpanija Tessons kienu qed jimbieghu bi prezz inferjuri. Hu kien tani xi dettalji dwar xi tlitt importazzjonijiet u din l-informazzjoni ghaddejtha lil Mario Gatt…"

Illi pero' kif irribattiet id-difiza , la ngab bhala xhud Mario Farrugia biex jikkonferma dan id-diskors u lanqas xi rapprezentant tad-ditta Edible Oil Company Limited jew xi xhud iehor kwalsiasi biex jikkonferma li fil-fatt il-gelati kienu qed jimbieghu bi prezz irhis . Ghalhekk dak li xehed

Anthony Pavia jibqa' biss "hearsay evidence" li zgur mhux ammissibbli bhala prova . L-istess japplika ghal dak li xehed fir-rigward Herbert Agius (fol.74) dwar dak li kien irrelatalu Pavia li jigi "hearsay" fuq "hearsay". Illi fl-ewwel lok ghandu jigi precizat li minn ezami akkurat tas-sentenza appellata , ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti skartat din is-suppost prova ghal din ir-raguni.Ghalkemm dan il-fatt issemma mill-Qorti fil-bidu tar-rikapitulazzjoni tal-fatti tal-kaz , biss bhala parti mill-istorja tal-kaz , pero' f'ebda parti tas-sentenza appellata ma qalet li kienet qed tqis din il-prova jew li qed tiskartha .

Ghalhekk l-ewwel Qorti zgur li ma tistax tigi kritikata jekk fis-sentenza appellata ma qiesetx din ic-cirkostanza deposta minn Pavia bhala xi prova li tikkorrobora l-kaz tal-Prosekuzzjoni b' xi mod. Kieku ghamlet hekk , kienet tkun qed tammetti bhala prova "heasay evidence" meta setghet tingieb l-ahjar prova ta' dak li kien qed jigi allegat u dana bi ksur tal-artikolu 599 tal-Kap.12, rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap.9 . Di fatti fil-kaz in ezami ma kellux ikun difficli ghall-Prosekuzzjoni li tipproduci bhala xhud kemm lid-Direttur tal-Kummerc Farrugia kif ukoll lir-rapprezentant tas-socjeta' Edible Oil Company Limited jew xi xhieda ohra w dan il-fatt allegat seta' facilment jigi pruvat sewwa b'dan il-mod. Ergo dan l-aggravju tal-Avukat Generali huwa infondat . Ikunu ukoll infondati kull argument jew kongettura li l-Avukat Generali ghamel jew estrapola fir-rikors tal-appell bazati fuq l-allegat fatt ta' biegh bi prezz baxx , li kif intqal ma giex pruvat skond kif trid il-ligi .

L-Avukat Generali jilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti qieset it-timbru "received payment" fuq l-entries inkriminati bhala l-unika prova ufficjali tal-hlas tad-dazju li seta' kellhom l-appellati w jargumenta li dan qatt ma jista' jkun prova tal-hlas ghax irrizulta li t-timbri kienu foloz u ladarba il-falz kien idoneju biex jinganna, ma hemm xejn stramb ghax ir-releasing officers jigu wkoll ingannati .

Il-konsiderazzjoni mertu ta' dan l-aggravju l-Ewwel Qorti ghamlitha fil- paragrafu penultimu tas-sentenza appellata, meta ttrattat il-portata tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 . Illi meta

qalet dan , l-Ewwel Qorti kienet qed tirrijekeggja dak li qal Herbert Agius fil-kontroezami (fol. 132 Vol. I), meta qal testwalment :

"L-unika prova tal-hlas li jkollu l-importatur hija biss it-timbru Received Payment…u dik kienet il-procedura li kien hemm fiz-zmien li fih jirriferi l-kaz odjern. Din il-procedura tbiddlet proprju minhabba dan il-fatt ."

Il-kontenzjoni tal-Avukat Generali pero' hi li timbru falz u li jigi pruvat li hu falz qatt ma jista' jkun prova ta' hlas u l-fatt li ghax ikun falz jinganna lil min kien inkarikat biex jirrilaxxja l-merkanzija , ma jistax jingieb bi prova tal-hlas .

Bir-rispett , din il-Qorti lanqas ma fehmet ezatt x'riedet tghid l-Ewwel Qorti b'din il-konsiderazzjoni . Fil-fehma ta' din il-Qorti – una volta li t-timbri rrizultaw li kienu foloz lill-Ewwel Qorti - din ma setghetx tistrieh fuqhom bhala li jaghmlu prova tal-hlas "ut sic". S'intendi dejjem tibqa' pero' miftuha l-kwistjoni jekk il-falz sarx mill-imputati jew bil-komplicita' taghhom jew bix-xjenza taghhom u giex uzat minnhom jew bil-komplicita' taghhom xjentement . Ovvjament jekk kienu huma jew xi hadd minnhom li pproducew it-timbru falz jew xjentement ghamlu uzu minn timbru li hu falz, allura l-prova "prima facie" tal-hlas tigi mminata .Jekk invece ma jirrizultax pruvat dan , allura , ghall-inqas soggettivament , l-appellati setghu "in buona fede" hasbu li kienu fil-pussess ta' ricevuta ufficjali li giet rikonoxxuta anki mir-"releasing officers" . Mela din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti "begs the entire question" , ghax in-noccolo tal-kwistjoni tibqa' jekk giex pruvat li l-appellati jew xi hadd minnhom kienx involut fl-uzu xjenti ta' timbri foloz biex ikun jista' jigi evitat il-hlas tad-dazju .

Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti umbaghad , l-abbli Prosekuturi sostnew li is-socjetajiet kummercjali li taghhom l-erba appellati kienu Diretturi w azzjonisti , suppost li zammew kotba tal-kummerc konsistenti fl-iskartafacc jew ktieb primi noti, l-gurnal, il-libro-cassa, l-ktieb inventarju u l-leger (art. 13 sa 26 tal-Kap.13) u kieku dawn inzammu w kienu disponibbli , setghu ukoll ikunu prova tal-hlas tad-dazju w levies in kwistjoni (Art. 22

(1) Kap.13). In effetti pero', kull ma instabu kienu il-cash books tas-socjeta' Tessons Limited u discs tal-computer tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited, li umbaghad saru print-outs taghhom u li l-ledger tal-ewwel socjeta' ma kienx instab xi jumejn qabel ma saret it-tfittxija tal-Pulizija . Dan l-argument tal-Avukat Generali ghandu certa validita' ghalkemm id-difiza donna timplika li kien hemm dokumenti ohra li pero' ttiehdu mill-investigaturi fil-kors tal-perkwizizzjonijiet li saru , ghalkemm dwar dan ma tidher li ngabet ebda prova konkreta w attendibbli al menu sal-grad tal-probabbilita.

Illi it-tielet aggravju tal-Avukat Generali hu li hemm mankanza ta' konsiderazzjonijiet ta' fatti rilevanti fis-sentenza appellata. Saret riferenza ghall-incident li jirrigwarda konsenji f' zewg containers ta' Tuna Skipjack Solid Oil u Tuna Skipjack Chunk Oil li skond l-Avukat Generali gie injorat ghal kollox mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li hu minnu li l-Ewwel Qorti lanqas biss semmiet dan l-incident u inqas u inqas ikkonsidratu fl-apprezzament tal-provi bhala wahda mill-provi cirkostanzjali fir-rigward tal-appellati Carmel sive Charles Ellul Sulivan u Philip Azzopardi, billi dan il-kaz jirrigwartda biss lis-socjeta' J. Cachia Caruana Limited. .

Illi si trattava ta' fotokopja ta'entry form (Dok. HA 95 (ii) a.fol. 148 , Vol. I tal-process) li giet mghoddija lid-Dipartiment tad-Dwana mid-Dipartiment tal-Kummerc. Din il-fotokopja kienet turi timbru “CUSTOMS- MALTA , 19.06.91 , 79934, RECEIVED PAYMENT” u inizjali fil-kaxxa intestata “Cashier's signature and stamp” fir-rigward tal-merkanzija fuq imsemmija impurtata f'zewg containers suppost fuq il-vapur JAPAN SEA . Dan it-timbru ukoll kien falz. Giet ukoll esebita it-triplicate copy safra tal-istess entry (dok. HA 95 a fol. 144, Vol. I) li turi l-istess dettalji li hemm fuq id-dokument HA 95 (ii) , minghajr pero' it-timbru “CUSTOMS –MALTA , 19.06.91, 79934 , RECEIVED PAYMENT”, ghalkemm fil-kaxxa tal-entry intestata “Processed by (signature and stamp) hemm timbru li jghid : “CUSTOMS 34 19 JUN 1991 , MALTA”. Ma rrizulta ebda pagament fil-cash books tad-

Dwana b’dik id-data u b’dak in-numru 79934. Di fatti in-numri tat-timbri li intuzaw f’dak il-jum kienu 46433 ghar-rigward tal-cash book A, 22970 sa 23028 ghar-rigward tal-cash book B u 74749 sa 74836 ghar-rigward tal-cash book C . In-numru 79934 li jidher fuq it-timbru inkriminat dak in-nhar ma ntuzax. Pero’ rrizulta li fit-28 ta’ Gunju, 1991 , giet prezentata entry ohra (Dok. HA 169), li l-original taghha jinsab a fol.157 , Vol. I, li turi t-timbru bil-linka sewda “CUSTOMS , 30, 26.Jun 1991 MALTA” u zewg inizjali , wahda hamra u wahda blue, fil-kaxxa intestata “Processed by (signature and Stamp)” u t-timbru bil-linka hamra “CUSTOMS-MALTA , 28.06.91 23669 , RECEIVED PAYMENT” u firma shiha fil-kaxxa intestata “Cashier’s signature and stamp” . Il-pagament fuq din it-tieni entry jirrizulta li sar u n-numru fuq it-timbru cioe’ 23669 qabel man-numru fil-cash books tad-Dwana. .

Illi minn dan il-fatt l-Avukat Generali appellant jargumenta li din hija prova ndiretta tal-uzu ta’ timbri foloz mis-socjeta’ J. Cachia Caruana Limited . Jargumenta ukoll li l-ewwel entry li giet esebita fotokopja taghha (Dok. HA 95 (ii)) kienet fazulla u ghalkemm din kellha timbru fuqha li juri l-dazju kien thallas, ftit granet wara w precizament fit-28 t’Gunju, 1991,rega sar hlas ta’ dazju ghall-istess konsenja . Jargumenta ukoll illi mill-fatt li qatt ma ntalbet rifuzjoni tal-ewwel hlas ta’ LM4404 – li allura, kieku vera kien thallas , jigi thallas ghal xejn - li l-appellati koncernati kienu jafu li t-timbru fuq l-ewwel dokument HA 95 (ii) “Received payment” kien wiehed falz u fazull . L-Avukat Generali jargumenta ukoll li dan l-incident ghandu jigi nkwadrat fl-isfond li proprju bejn id-19 ta’ Gunju w 28 ta’ Gunju, 1991 , kienet imbidlet il-procedura tad-Dwana w bdiet ukoll tinghata ricevuta mill-cash office tad-Dwana apparti t-timbru “Received payment” u li, minghajr din ir-ricevuta, x-xoghol ma setax jigi rilaxxjat bl-implikazzjoni li allura l-ewwel entry bit-timbru falz li kienet sahansitra gja giet prezentata lid-Dipartiment tal-Kummerc biex jinkiseb il-permess ghall-importazzjoni tal-istess merkanzija , ma kientx aktar tajba w kellha allura tigi sostitwita b’entry gdida b’timbru genwin , biex tkun tista tigi zdoganata l-merkanzija. L-Avukat Generali jkompli jargumenta li dan necessarjament ifisser li l-appellati koncernati kienu jafu li

l-ewwel dokument HA 95 (ii) kien fazull ghax kellu timbru "received payment" falz.

Illi d-difiza obbjettat ghall-dan l-argument ghax tikkontendi li hu bazat fuq dokument li hu biss fotokopja w li l-original tieghu qatt ma gie esebit u lanqas xehed min ghamel il-fotokopja biex jikkonferma l-awtenticita' taghha .Fil-fatt Herbert Agius stqarr (fol. 123, Vol. I) li dan id-dokument HA 95 (ii) li hu gab mid-Dipartiment tat-Trade ma setax jikkonferma li kien vera kopja fotostatika . Illi huwa minnu li l-original ma giex esebit , imma ghal dan l-Avukat Generali jirrispondi li l-original qatt ma kien fil-pussess la tad-Dipartiment tal-Kummerc u lanqas f'idejn id-Dwana w dana ghaliex l-original jigi prezentat lid-Dipartiment tal-Kummerc ghall-permess tal-importazzjoni w dak id-Dipartiment izomm biss fotokopja w umbaghad l-original jigi rtirat mill-importatur u ghalhekk  ma setax jinstab ghand id-Dwana ghax qatt ma gie rilaxxjat ix-xoghol u wisq inqas imhallas .

Illi l-artikolu 638 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li "Bhala regola , ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti .." , Issa fil-kaz odjern gie spjegat sodisfacentement ghala ma setax jingieb l-original tad-dokument HA 95 (ii) mill-Prosekuzzjoni . Inoltre  huwa rilevanti ferm f'dan il-kontest id-dokument HA 95 (Fol. 144) fuq imsemmi  li huwa t-triplicate copy safra ta' entry form li tikkontjeni d-dettalji kollha tal-entry fotokopjata (Dok. HA 95 (ii) ), it-timbri "CUSTOMS , 34 , 19 Jun 1991 MALTA" u xi timbri ohra dipartimentali mhux kollha kompletament decifrabbli , izda ma tikkontjenix ukoll it-timbru "CUSTOMS MALTA , 19.06.91 79934 , RECEIVED PAYMENT" , it-timbru "DEPARTMENT OF HEALTH , MAY BE RELEASED , PORT HEALTH OFFICE , b'firma u data : 17/6/91 "   Dan id-dokument HA 95  gie esebit minn Herbert Agius (Fol. 123  Vol. I)

Rilevanti ukoll huma d-dokumenti HA 95 (iii) sa (v) u cioe' fotopkopji ta'  certificate of costings form , certificate of price computation form u costings schedule form , li jidhru li akkompanjaw il-wiri tal-entry form  meta din giet prezentata lid-Dipartiment tal-Kummerc fil-21 ta' Gunju,

1991 u li UKOLL jirriferu ghan-NUMRU FALZ tat-timbru fuq l-entry in kwistjoni . Dawn gew konfermati bhala kopji awtentici ta’ dokumenti li kienu jinsabu fid-Dipartiment tal-Kummerc minn Herbert Agius (Fol. 123-124).

Pero’ forsi l-aktar haga ndikattiva w sinifikanti li osservat din il-Qorti minn ezami akkurat tad-dokumenti imsemmija hija li fid-dokument HA 169 a fol.157 , Vol. I fil-kolonna ntestata “Bastiment jew ajruplan (isem jew numru) , taht l-isem “SINGA” jidher car ghalkemm sar tentattiv biex jigi mhassar l-isem “JAPAN SEA” bit-tipa sewda . Sinifikanti wkoll hu li fil-kolonna intestata “Meta wasal” qabel id-data bit-tipa sewda “.6.91” hemm data bil-linka blu “28” li qed tghatti n-numru 19 li jidher vizibbli taht certu dawl u b’ certu skrutinju. Dan jindika li anki fuq l-entry form HA 169 inizjalment id-data w l-vapur – apparti dettalji ohra - kienu l-istess bhal dawk li jidhru kemm fuq id-dokument HA 95 (ii) u HA  95. Ghalhekk il-fotokopja li qed tikkontesta l-awtenticita’ taghha d-difiza tidher li kellha l-kugini taghha jekk mhux lill-hutha fid-dokumenti HA 169 u HA 95 , f’ liema kaz dan jista’ jkun indikattiv li kellha l-istess paternita’.

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali li dan id-dokument u l-incident kollu kif zvolga fuq spjegat  kellu ta’ l-inqas jigi konsidrat mill-Ewwel Qorti bhala prova ndiretta jew “circumstantial evidence” tal-fatt li d-ditta J. Cachia Caruana Limited kienet fir-rigward ta’ din il-konsenja bdiet il-procedura ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni w addirittura rregistrat  l-entry form mad-Dwana fid-19 ta’ Gunju, 1991 u sahansitra fil-21 ta’ Gunju, 1991, ipprezentat l-istess entry form in kwistjoni lid-Dipartiment tal-Kummerc b’numru falz tar-Received payment , umbaghad sussegwentement abortiet il-procedura w regghet bdiet kollox mill-gdid wara li mbidlet il-procedura tar-ricevuta w rilaxx tal-merkanzija fil-21 ta’ Gunju, 1991, fic-cirkostanzi jidher gustifikat . Apparti kull konkluzzjoni li umbaghad setghet tasal ghaliha l-Ewwel Qorti , bhala apprezzament ta’ fatt , din ic-cirkostanza setghet tkun indikattiva ta’ “system of conduct” ta’ dak li kien qed isir mill-istess socjeta’ fil-periodu in kwistjoni w ghalhekk bhala prova kellha r-rilevanza taghha w kienet timmerita

konsiderazzjoni “ad hoc” fis-sentenza appellata. Il-fatt li ma gietx hekk trattata w konsidrata mill-Ewwel Qorti jammonta ghall-mankanza ta’ konsiderazzjoni ta’ fatti rilevanti.

L-Avukat Generali mbaghad fir-rikors tieghu jigbed numru ta’ inferenzi minn dan l-incident Hu jghid li dan juri li l-falsifikazzjoni w t-tehid tal-flus ma setax sar mill-impjegati tad-Dwana stess , ghax fl-ewwel lok, kieku kien hekk, kien jintuza numru ta’ timbru li kien qed jigi uzat dak in-nhar u mhux numru li m’ghandu x’ jaqsam xejn . Fit-tieni lok ghax kieku kienu thallsu l-flus li suppost thallsu skond id-dokument HA 95 (ii), is-socjeta’ J.Cachia Caruana Limited ma kienetx terga thallas l-istess ammont wara ftit granet - kif effettivament ghamlet - bla ebda protesta jew talba ghar-rifuzjoni tal-ewwel hlas. Dawn huma argumenti li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni meta din il-Qorti aktar il quddiem f’ dis-sentenza tigi biex tqis ghandhiex raguni sufficjenti biex tbiddel l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti.

L-Avukat Generali jilmenta ukoll li giet injorata cirkostanza ta’ fatt ohra li tirrigwarda l-entries li suppost gew processati w li fuqhom thallas id-dazju QABEL l-20 ta’ Marzu, 1990, meta nbidlet il-procedura w l-entries mill-“long room” ma baqghux jerghhu jinghataw f’idejn l-importatur izda bdew jintbaghtu direttament fl-ufficju tal-kaxxiera minn fejn umbaghad , WARA li jsir il-hlas dovut, setghu jigu irtirati. Dawn kienu l-entries registrati fit-12 ta’ Frar, 1990 (Dok. HA 31 ) u fis-16 ta’ Frar, 1990 (Dok. HA 32) .

Illi bhala fatt l-Ewwel Qorti , kemm fl-espozizzjoni tal-fatti fil-bidu tas-sentenza kif ukoll meta giet biex taghmel konsiderazzjonijiet “guridici u fattwali” semmiet li hemm xi entries pre 20 ta’ Marzu , 1990, pero’ ziedet tghid li rrizulta car li t-timbru “received payment” fuq id-dokumenti “KWAZI KOLLHA ghandhom id-data sussegwenti ghall-20 ta’ Marzu, 1990” . Umbaghad ziedet tghid :-

“Dan ifisser li dawn l-entry forms kienu gew regolarment registrati u processati u **baqghu fil-kustodja tad-Dwana sakemm gie stampat it-timbru “Received payment**.”mill-kaxxier fil-cash office . F’ebda hin sa dan l-istadju dawn id-dokumenti ma kienu f’idejn l-importatur jew rapprezentant tieghu.”

Hu minnu li l-Ewwel Qorti kienet impreciza f’din il-konsiderazzjoni , ghax fil-fatt ghall-ewwel zewg entries fuq imsemmija pre 20 ta’ Marzu, 1990 , din il-konsiderazzjoni ma kienetx tapplika w fil-kaz ta’ dawn iz-zewg entries fuq imsemmija, l-importatur , wara li jirtira l-entries debitament processati mill-“long room” seta’ kellu l-opportunita’ li jaghmel hu timbru falz “received payment” qabel ma jmur biex jirrilaxxja l-merkanzija . Wara l-20 ta’ Marzu, 1990, biex l-importatur jirmexxilu “to beat the system” , kien mehtieg jew li jkollu l-ghajnuna ta’ xi hadd mill-impjegati tad-Dwana li jatih f’idejh id-dokumenti meta mhux suppost , jew li addirittura ikun dahal hu  jew xi hadd mir-rapprezentanti tieghu w jahtafhom minn fejn kienu jkunu qed jinzammu wara li jigu processati.  L-Ewwel Qorti tidher li skartat dawn l-ahhar zewg possibiltajiet meta giet biex taghmel l-apprezzament ta’ fatt taghha w argumentat b’mod generali u , bla ma ghamlet eccezzjoni ghall-ewwel zewg kazijiet pre 20.3.1990 , qalet  : “Allura kif jista’ validament jigi sostnut li l-uzu tat-timbri foloz sar mill-imputati jew xi hadd minnhom ? Il-premessa konsiderazzjoni turi li l-imputati kienu estraneji ghall-attivita’ kriminuza , stante li mill-provi ma rrizultax li f’ xi stadju tal-process dawn l-entry forms kienu fil-pussess taghhom.” Ghalhekk  l-Avukat Generali ukoll ghandu ragun jilmenta minn din il-konsiderazzjoni li ma ddistingwietx bejn iz-zewg entries pre 20.3.1990 , u l-ohrajn kollha sussegwenti , salv naturalment il-kwistjoni tal-ezami approfondit tal-apprezament tal-provi li jrid bil-fors ikopri kemm l-entries pre u post 20.3.1990.

Ir-raba aggravju tal-appellant Avukat Generali jirrigwarda proprju l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti li hu jsejjahlu “apprezzament difettuz u rragonevoli tal-provi”, anki jekk wiehed kellu joqghod biss fuq il-provi li l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni . U hawn jghaddi

biex jittratta diversi ezempji fejn skond hu l-Ewwel Qorti ghamlet dan l-apprezzament zbaljat .

Jissemmew fost dawn dak li pprospettat l-Ewwel Qorti dwar il-possibilita' li l-flus kienu ttiehdu mill-kaxxiera nnifishom jew li l-azzjoni kriminuza giet kommessa minn persuni li ghandhom access ghall-cash office tad-Dwana . Din l-Avukat Generali jghid li ma kientx possibbli ghax rrizulta li l-hlasijiet kienu jsiru ghand diversi kaxxiera li kienu jkunu "on duty" meta jinzerta qed isir il-hlas u li dawn kienu jimbidlu ta' sikwiet anki kif xehdu mpjegati tas-socjetajiet in kwistjoni. Jekk l-Ewwel Qorti kienet b'dan qed tipprospetta li l-kaxxiera kollha "had their fingers in the pie" u meta ddecidew li jaghmlu dawn l-atti kriminuzi , dejjem ghazlu entries taz-zewg socjetajiet in kwistjoni , dan mhux verosimili , specjalment meta l-imputati ma rmexxilhom igibu ebda prova , lanqas f'kaz wiehed ,li l-pagament verament kien sar.

L-Avukat Generali umbaghad sostna li ma kienx hemm cirkostanzi li fi kliem l-Ewwel Qorti setghu jwasslu biex l-inferenzi tal-htija tal-imputati mill-provi ndizjarji setghu jdghajjfu jew jeqirdu l-inferenza meta ccitat lil Lord Normand fis-sentenza appellata fil-bran :-

"That there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."

Giet umbaghad analizzata l-pozizzjoni ta' kull wiehed mill-imputati appellati b'riferenza ghall-istqarrijiet taghhom lill-Pulizija u d-depozizzjoni taghhom quddiem l-Ewwel Qorti . L-Avukat Generali jsostni li wara ezami akkurat tax-xiehda tal-imputati appellati jispikkaw numru ta' lakuni fit-tezi avvanzata mid-difiza illi ma setghu qatt wasslu lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li kien hemm dubju ragonevoli dwar il-kaz tal-prosekuzzjoni .

Gie argumentat li l-ispjegazzjoni principali tal-imputati li kienu jhallsu "cash" ma tirrizultax sorretta mill-provi bhal ma huma kotba kummercjali w li l-allegazzjoni li l-"ledgers krucjali " kienu ttiehdu mid-Dwana jew dawn jinsabu ghand id-Dwana jew anki l-Qorti , tfisser biss li din il-prova

baqghet ma ngabitx. Li x-xiehda tal-appellati ma tikkostitwix prova kredibbli li l-ammonti li ma jidhrux fuq il-kotba tad-Dwana u li pero' jidhru li thallsu biss mid-dokumenti b' timbri foloz , fil-fatt thallsu . It-tezi li dawn l-ammonti kollha nsterqu minn impjegati tad-Dwana differenti li f'okkazzjonijiet differenti kienu sfaccatament ghamlu timbru falz fuq id-dokumenti tas-socjetajiet tal-imputati w tefghu ammonti kbar ta' flus kontanti fil-but ma tistax tasal ghaliha b' mod ragjonevoli fuq bazi ta' probabbilta' . Illi t-tezi dwar il-volum ta' flus kontanti minhabba l-esigenzi tal-overdraft kellha tigi ppruvata mhux biss mil-ledger li sparixxa izda mid-dokumenti kollha l-ohra li suppost izommu l-kummercjanti w dan kellu jkun ezercizzju facli . Illi fl-istqarrijiet mall-Pulizija, l-appellati ma qalu xejn u meta xehdu fil-Qorti , xehdu b'mod mill-izjed xott u harbu mid-domandi in kontro-ezami . Illi il-pozizzjoni li ha l-appellat Philip Azzopardi li hu "sleeping partner" u allura b'hekk jezimi ruhu minn kull responsabbilta' ma treggix ghax id-Direttur ta' socjeta' huwa responsabbli f'ghajnejn il-ligi ghall-gestjoni taghha w ma jistax igib l-abbandun ta' din ir-responsabbilta' bhala difiza. Illi f'dak li qal Carmelo sive Charles Ellul Sullivan fis-sens illi l-"overdraft" tal-bank sar "tight" ghax l-ammont ta' stock tal-kumpanija "J. Cachia Caruana Limited" kien dejjem tielgha , hemm element ta' kontradizzjoni mal-fatt li fl-istess zmien il-kumpanija zzomm u jkollha disponibbli ghaliha ammonti kbar ta' flus kontanti. Dan japplika ukoll ghal Tessons Limited. Illi negozju li jkun qed isostni "turnover" gholi ta' madwar hames miljun lira fis-sena , b'overdraft relativament baxx meta paragonat mat-turnover hija sitwazzjoni konducenti ghal nuqqas ta' likwidita' w certament m'hijiex konducenti ghall-akkumulu ta' ammonti kbar ta' flus kontanti fl-idejn. Ghal dawn ir-ragunijiet jikkontendi l-Avukat Generali it-tezijiet avvanzati mill-appellati fix-xiehda taghhom biex jispjegaw l-inkapacita' taghhom li jippruvaw li d-dazju w l-imposti gew fil-fatt imhallsa huma mill-izjed lakonici w qatt ma kellhom iwasslu ghall-konkluzzjoni fis-sens li kien hemm dubju ragonevoli fil-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjonijiet ta' natura fattwali li aktar jirrigwardaw l-apprezzament tal-

provi milli haga ohra, jidher li hemm punt ta' dritt iehor li gie sollevat fil-kors tad-dibattitu orali quddiemha . Dan jirrigwarda l-aggravju tal-appellant Avukat Generali li fl-istqarrijiet taghhom l-appellati ma qalu xejn. Id-difiza obbjettat ghal dan l-aggravju billi tghid li jekk il-ligi taghti d-dritt lill-persuna li qed tigi nterrogata li tibqa' siekta , ma jistax jigi argumentat umbaghad li minhabba dak is-skiet li tipprotegi l-ligi , wiehed jista' jigbed xi nferenza ta' htija. Dan il-punt , kien ukoll is-suggett li dwaru l-partijiet ipprezentaw noti ta' riferenzi ghall-gurisprudenza lokali in materja w anki tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli Prosekutur di fatti ssottometta li kien hemm zewg stadji meta l-appellati setghu ressqu l-prova tal-hlas tad-dazju . L-ewwel okkazzjoni kienet proprju meta gew interrogati mill-Pulizija fil-bidu tal-investigazzjoni w t-tieni meta umbaghad xehdu quddiem l-Ewwel Qorti. Hu zied jghid li fl-istqarrijiet taghhom l-erba appellati , hlief ghal xi domandi zghar li kien irrisponda l-appellat Philip Azzopardi , ma kienu rrispondew ghal ebda domanda w sahansitra wiehed minnhom kien qal li hu kien : “ciecho , sordo e muto”. Kienet ghalhekk skorretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li l-appellati kienu cahdu l-allegazzjonijiet kollha li kienu saru fil-konfront taghhom , ghax dan ma kienx veru , ghax dawn mhux cahdu imma ma rrispondewx ghad-domandi , “kif kellhom kull dritt li jaghmlu wara kollox” zied l-istess Prosekutur.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-emenda ghall-Kodici Kriminali li tirrigwarda nferenzi ta' htija mis-silenzju tal-persuna suspettata fil-kors tal-interrogatorju taghha , kif kontemplata fl-artikolu l-gdid 355 AU , introdott bl-artikolu 74 tal-Att III tal-2002 , baqghet ma dahlitx in vigore fl-1 ta' Mejju, 2002 skond l-Avviz Legali numru 94 /2002 u ghalhekk skond il-prassi w l-gurisprudenza applikabbli sal-lum , ma ghandha w ma tista' tingibed ebda inferenza ta' htija mis-silenzju tal-persuna suspettata waqt l-interrogatorju la darba din ghandha mhux biss id-dritt li tibqa' siekta izda tigi ukoll normalment informata b' dan id-dritt fil-bidu tal-interrogatorju bis-“solita twissija” .

Illi jidher li l-Prosekuzzjoni hija konxja minn dan ghaliex appuntu fin-nota taghha tal-25 t' Ottubru, 2002 , iddikjarat li ma kienetx ser tesebixxi sentenzi dwar inferenzi fil-kamp penali , liema suggett gie imsemmi mid-difensuri tal-appellati, ghax hija kienet qed tibbaza t-tezi taghha fuq il-prezunzjoni imsemmija fl-artikolu 77 tal-Kap.37 u fuq l-inverosimiljanza tal-versjoni effettivament moghtija mill-appellati w ma kienet qed taghmel ebda nferenza mis-silenzju tal-appellati “ut sic” , salv dak li hu rilevanti ghall-finijiet tal-ispostament ta' l-oneru tal-prova kif provdut fl-imsemmi artikolu 77 u ghall-konsiderazzjoni dwar jekk il-prova li kienet tispetta lill-imputati saritx sal-grad rikjest mill-ligi.

Din id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni ticcara kull dubju li seta' gie generat mill-kliem uzat minnha fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni orali li pprovoka dibattitu fil-kors tat-trattazzjoni w anki diversi riferenzi ghall-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-leggittimita' ta' tali inferenzi, kwistjoni li pero' tidher li giet komposta bid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fuq imsemmija w li allura din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga aktar dwarha.

Ghalhekk il-pozizzjoni korretta tidher li hi li ma tista' ssir ebda nferenza ta' htija mis-silenzju totali jew parzjali tal-erba appellati fil-kors tal-interrogatorju taghhom mill-Pulizija bil-ligi kif kienet fiz-zmien l-allegati reati , fiz-zmien meta saru l-interrogatorji w ,del-resto, kif ghadha sal-lum. Hekk gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza “Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et” [6.6.1994] fejn ukoll kien il-kaz li wiehed mill-appellanti , wara li kien gie mwissi li ma kienx obbligat li jwiegeb ghal ebda domanda, ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija. Mill-banda l-ohra, jekk u fejn l-appellati ghandhom l-oneru tal-prova fuqhom ghall-fini tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 , in-non-prova ovvjament ma tistax tghinhom biex jiskarikaw l-oneru tal-prova mpost fuqhom mill-artikolu 77 , una volta tqum il-kwistjoni jekk id-dazju reklamat kienx fil-fatt thallas jew le.

Illi umbaghad ghar-rigward tal-argument li gie dibattut dwar "presumptions of fact" li l-Ligi tad-Dwana tohloq meta tqum kwistjoni jekk id-dazju jkunx thallas jew le , u jekk tali spostament tal-oneru tal-prova fuq id-difiza f' certi kazi jilledix xi dritt tal-imputati , saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Gunju, 2002 fil-kawza "Francis John Butler vs. The United Kingdom" fejn intqal testwalment hekk :-

"…the Court recalls that in criminal proceedings against the accused it is not
incompatible with the requirements of a fair trial to shift the burden of proof to
the defence …..; nor is the fairness of a trial vitiated on account of the prosecut-
ion's reliance on presumptions of fact or law which operate to the detriment of
the accused , provided such presumptions are confined within reasonable limits
which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights
of the defence." (see the Salabiaku v. France judgement of 7 October, 1988 ,
SERIES A, no.141-A , p.16 para. 28 in fine ; the Pham Hoang v. France judgement of 25 September 1992, Series A no. 243 p. 21 para. 33)"

u

"At no stage was the applicant faced with irrebuttable presumptions of fact or law .
It was open to the applicant to adduce documentary and oral evidence in order to
satisfy the domestic court of the legitimacy of the purpose…."

Illi pero' irid umbaghad ukoll jigi precizat li – kif tajjeb issottomettiet id-difiza u kif diga' gie accennat aktar 'l fuq - kull prezunzjoni ta' fatt li l-artikolu 77 tal-Kap.37 jista' talvolta titfa' fuq l-appellati , ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-istess Kap. 37 u l-kwistjoni tal-hlas tad-dazju , ma tikkomunikax ukoll ghar-reati l-ohra dedotti kontra l-

appellati taht il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w senjatament dwar falsifikazzjoni ta'dokumenti , l- uzu ta' dokumenti foloz, falsifikazzjoni w uzu ta' sigilli, timbri jew marki ohra tal-Gvern u ta' frodi b'eghmil qarrieqi , inkluzi fl-akkuzi bl-ittri a) , b), c) u h) fic-citazzjoni originali kif emendata w koperti bl-artikoli 167,169, 172 u 308 tal-Kap.9 li tahthon tista' - skond in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Novembru, 1998 (Fol. 961 u 962 , Vol. II tal-process) – tinstab htija kontra l-appellati

Punt iehor li gie sollevat mill-abbli difensur tal-appellati Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi hu dak li jirrigwarda x' jikkostitwixxi ricevuta w allura x' jikkostitwixxi ricevuta falza. Gie argumentat li ir-ricevuta tohrog mill-firma – f' dal-kaz il-firma jew inizjali tal-kaxxiera tad-Dwana - u mhux mit-timbru tad-Dipartiment . Illi ladarba ma giex pruvat li dawn l-inizjali gew falsifikati , ma hemmx il-prova tal-falsifikazzjoni jew tal-uzu xjenti ta' dokument falz.

Illi l-artikolu 1232 (1) tal-Kodici Civili li jirrigwarda "Il-Prova tal-Obbligazzjonijiet u tat-Tmiem Taghhom" jiddisponi li :-

"Meta mhux mehtieg mill-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn
att pubbliku jew minn kitba privata , il-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha
tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni
u Procedura Civili"

Illi umbaghad l-artikolu 1145 (a) tal-Kodici Civili jiddisponi li wiehed mill-modi li bih jispiccaw l-obbligazzjonijiet huwa l-hlas . Is-sub-titolu fejn jinstab dan l-artikolu pero' ma jippreskrivi ebda forma sagramentali jew tassattiva li ghandu jkollha ricevuta f' kull kaz . Jghid biss li dak li jhallas id-dejn jista' jitlob li r-ricevuta , bi spejjez tieghu, tigi maghmula b'att pubbliku (art. 1163 (2) ).

Illi minn imkien mill-ligi ma johorg li ricevuta biex tkun valida trid tkun iffirmata minn min qed jircevi l-hlas u fil-

hajja ta’ kulljum u aktar w aktar ma jidhlu sistemi mekkanizzati w komputerizzati , ricevuti anki ta’ somom kbar jinhargu bla firem jew inizjali w xorta wahda jaghmlu prova tal-hlas f’idejn il-pagatur . Di fatti f’eluf ta’transazzjonijiet gjornalieri li jvarjaw sa minn biljett ta’ ammissjoni ghac-cinema , ghall-kull hlas ta’ xirja fejn addirittura tinhareg ricevuta fiskali b’sistemi komputerizzati jew minn cash registers normalment lanqas biss ikun hemm firma jew anki semplici inizjali .

Konsegwentement il-ligi thalli f’idejn il-pagatur u r-ricevitur tal-hlas biex jirregolaw x’tip ta’ prova jista’ jkollu f’idejh il-pagatur biex juri li l-hlas ikun sar . Ghalhekk ma tidhirx li hija korretta s-sottomissjoni tal-abbli difensur meta qal li r-ricevuta hija maghmula jew tikkonsisti mill-firma w mhux mit-timbru f’dan il-kaz. Huwa ovvju li minn dak li rrizulta l-importanza kienet tinghata ghat-timbru tad-Dipartiment tad-Dwana “RECEIVED PAYMENT” u mhux lill-inizjali tal-kaxxier li kienet takkompanjah qabel ma giet introdotta s-sistema li jrid ikun hemm ricevuta b’ firma shiha w r-raguni ghal dan hi ovvja ghax min ikun irid jipprocessa l-izdoganar tal-merci jew johrog permessi ulterjuri ghal biex il-merkanzija tkun tista’ tithalla tidhol Malta , bhad-Dipartiment tal-Kummerc , billi jara firma jew inizjali ta’ persuna mhux maghrufa w mhux identifikabbli w li l-awtenticita’ taghha ma tistax tigi verifikata , ma jkunx jista’ jipprocedi fuq daqshekk . Invece t-timbru dipartimentali kellu l-funzjoni li jaghti xiehda ta’ awtenticita’ w awtorita’. Ghalhekk jekk jirrizulta li gie falsifikat it-timbru jew sigill tal-Gvern li kien ix-xiehda principali tal-hlas ,dan bizzejjed biex jirrendi s-suppost ricevuta tal-hlas fazulla w ma kienx hemm bzonn li ukoll tigi pruvata li l-inizjali kienet falza.

Illi pero’ f’dan il-kaz wiehed ma jridx jinsa li oltre l-prova tal-falsifikazzjoni tat-timbri li jidhru fuq l-entries inkriminati , hadd mix-xiehda li kienu kaxxiera fiz-zmien koncernat li gew prodotti bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni ma gharaf l-inizjali jew il-firma tieghu fost l-inizjali li kienu jakkompanjaw t-timbri “Received Payment” li jidhru fuq l-entries kollha koncernati . Biex tipprova li tali nizjali kienet falza jinhtieg li tkun tista’fl-ewwel lok tqabbilha ma inizjali awtentika tal-persuna koncernata. F’dal-kaz dan ma setax

isir ghax ma setax jigi stabilit ta' min kienu dawn l-inizjali fuq id-dokumenti nkriminati. Gie biss michud li kienu tax-xiehda li gew prodotti u li f' xi zmien kienu hadmu ta' kaxxiera fil-periodu rilevanti. Ghalhekk din l-ahjar prova li setghet taghmel il-Prosekuzzjoni f' dar-rigward u cioe' li tistabilixxi li l-inizjali mhux identifikati ma kienux ta' dawk li hadmu bhala kaxxiera.

Pero', apparti dawn il-konsiderazzjonijiet u f'kull kaz l-akkuzi li kienu w ghadhom jiffaccjaw l-appellati mhux li huma ffalsifikaw jew xjentement ghamlu uzu minn "ricevuti" jew "firem" foloz , izda li xjentement ghamlu uzu minn entries tad-Dwana li kellhom fuqhom TIMBRU (emfasi tal-Qorti) falsifikat ; li xjentement ghamlu uzu minn sigilli, TIMBRI (emfasi tal-Qorti) jew marki foloz; li importaw oggetti u bil-hsieb li jevadu id-dazju dovut , ghamlu uzu minn dokumenti li bid-dehen taghhom kienu jafu li kienu FOLOZ F'DETTALL SOSTANZJALI (emfasi tal-Qorti) u li B'MEZZI KONTRA l-LIGI JEW BILLI UREW HAGA B'OHRA (emfasi tal-Qorti ) ghamlu qliegh b'qerq . Imkien ma jissemmew firem jew ricevuti foloz "ut sic" . Ghalhekk is-sottomissjoni tal-abbli difensur f'dar-rigward strettament ma kienetx ticcentra fuq il-materja in ezami .

Illi zgumbrat dan l-ahhar punt ta' dritt , din il-Qorti trid issa tidhol fil-kwistjoni jekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti kienx wiehed korrett , gust u ekwu . Illi kif gie regolarment ritenut mill-Qrati Taghna ;-

"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax
l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzz-
joni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li
waslet ghaliha." (Ara Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et" 6.6.1994 per V. De Gaetano J. )

u :-

"Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament

tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit
tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.” (Ara. App.Krim . “Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” 12.5.1994, “Il-Pulizija vs. Joseph Zahra “ 10.5.2002 , u ohrajn )

u kif gie ritenut fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Silvio Buttigieg” (16.5.2002) :-

“….din il-Qorti ttenni li dak li japplika fil-kaz ta’ appelli ntavolati minn akkuzati li
jkunu misjuba hatja mill-Ewwel Qorti , ghandu japplika wgwalment ghall-appelli
ntavolati mill-Avukat Generali , fis-sens li din il-Qorti m’ghandhiex tiddisturba d-
decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar apprezzament tal-provi mismugha minnha w trask-
ritti , sakemm tali konkluzzjoni ma tkunx tidher “unsafe and unsatisfactory” . Fi
kliem iehor , jekk l-Ewwel Qorti tkun setghet ugwalment tasal ghal dik il-konkluz-
zjoni li twassal ghall-liberazzjoni fuq il-provi li jkunu ngabu quddiemha , din il-
Qorti , anki jekk forsi ma taqbilx ma tali konkluzzjoni, m’ghandhiex tirrevoka dik
id-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad. Dan hu kriterju li din il-Qorti qed issegwi fil-
kaz ta’ appelli mill-persuna dikjarata hatja w hu ekwu w gust li dal-principju jap-
plika fil-kaz ta’ appelli tal-Prosekuzzjoni wkoll.”

Illi wara li rriflettiet fit-tul hafna w gharblet il-provi kollha nkluzi d-dokumenti esebiti u qieset il-gurisprudenza fuq estensivament riportata , din il-Qorti mhix sodisfatta li l-metodu li uzat l-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi kien wiehed korrett legalment . U fil-waqt li tifhem u tapprezza certi diffikultajiet li setghet iltaqghet maghhom dik il-Qorti fi process hekk voluminuz u kompless – diffikoltajiet li rriskontrat ukoll din il-Qorti , bir-rispett ma tistax taqbel ma uhud mill-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti la fuq bazi ta’ ragonevolezza u

lanqas fuq bazi legali. Din il-Qorti thossha moralment konvinta mill-volum u konsistenza tal-provi indizjarji prodotti li gie pruvat al menu prima facie li fil-periodu u ghar-rigward tal-partiti ndikati fic-citazzjoni id-dazju/levy dovut ma kienx thallas u li l-fondi ma kienux dahlu fl-aerarju pubbliku . Jidher ukoll mill-istess provi indizjarji li kienet instabet u giet eskogitata sistema li biha seta' jigi evitat il-hlas ta' dazju f' numru konsiderevoli ta' partiti li gew importati miz-zewg socjetajiet kummercjali li taghhom l-erba appellati huma rispettivament id-Diretturi . Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kellha tibda l-process tal-gudizzju taghha minn dan il-punto di partenza , haga li ma ghamlitx. Stabilit umbaghad li l-Prosekuzzjoni ghamlet din il-prova “prima facie” ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana , imissa ddecidiet li hawn kien jiskatta id-dispozittiv tal-artikolu 77 tal-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq kull partita in kwistjoni fuq l-appellati bhala diretturi tal-istess socjetajiet .

Dan hu l-process mentali u legali li trid bil-fors issegwi din il-Qorti u allura trid issa tara jekk il-provi jew sottomissjonijiet prospettati mid-difiza jwasslux ghal din il-prova li id-dazju kien thallas , ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta' . Illi din il-Qorti thoss li la hu probabbli w lanqas verosimili li dan kollu gara b' xi kumbinazzjoni , zball ripetut jew nonkuranza ta' xi kaxxier li pagamenti li suppost saru miz-zewg socjetajiet ma ddahhlux fil-cash book tad-Dwana w ergo ma waslux ghand l-aerarju pubbliku . Il-Qorti hija moralment konvinta li xi hadd sab sistema biex - kif jinghid bl-Ingliz- “to beat the system” . Ghall-periodu pre 20 ta' Marzu, 1990 dan seta' jigri facilment ,billi bejn l-istadju tal-iprocessar tal-entries tad-Dwana fil-“long room” u l-izdoganar tal-merkanzija mir-Releasing Officers, meta l-karti kienu jergghu jinghataw f'idejn l-importatur , xi hadd seta ghamel timbru falz “received payment” b' serial number fazull ( li wara jirrizulta li jkun intuza ukoll fuq entries ohra genwini) u b'hekk , wara li jibbajpassja il-kaxxiera , jinganna lill-istess releasing officers u jinducihom jirrilaxxjaw il-merkanzija ghalkemm id-dazju jew levies fuqha ma jkunux thallsu . Ghalkemm dan suppost ma baqax aktar possibbli wara l-

20 ta’ Marzu, 1990 ,jidher ukoll li anki wara li nbidlet is-sistema , iz-zewg socjetajiet involuti sabu tarf kif bdew jkollhom l-entries f’idejhom qabel ma jghaddu ghand il-kaxxiera u wara li kien isir it-timbru “received payment” falz , ikomplu billi jmorru ghand ir-releasing officers u jottjenu ir-rilaxx tal-merkanzija . Dan baqa’ sejjer b’mod regolari sal-ahhar t’ April, 1991 fil-kaz ta’ Tessons Ltd u fil-kaz ta’ J. Cachia Caruana Ltd. sa nofs Gunju, 1991, meta id-Dipartiment hass il-htiega li jkompli jissikka l-proceduri tieghu w introduca s-sistema li oltre t-timbru “received Payment” tibda’ tinghata ricevuta shiha b’firma w li tinghata lista lir-Releasing Officers tal-pagamenti li jkunu saru fil-cash office tad-Dwana biex dawn iqabbluha mad-dokumenti li jipprezentalhom l-importatur meta jmur ghandhom biex jizdogana l-merkanzija. Hu ghalhekk ferm sintomatiku w indikattiv dak li gara bil-konsenji destinati ghas-socjeta’ J. Cachia Caruana Limited fid-19 ta’ Gunju, 1991, meta minkejja li lahqet bdiet il-procedura tal-ipprocessar tal-entries relattivi kif fuq spjegat u l-karti kienu gja ghaddew mill-“long room” u gew prezentati lid-Dipartiment tal-Kummerc ghall-“costings” relattivi, b’timbru fuqhom “received payment” bid-data tad-19 ta’ Gunju, 1991, kellu jerga jsir kollox mill-gdid mis-socjeta’ importatrici , ghax il-merkanzija ma waslitx Malta mal-vapur indikat fid-dokumenti originali , w fil-frattemp sar maghruf li ir-releasing officers ma kienux ser jirrilaxxjaw il-merkanzija jekk ma jarawx il-provi tal-hlas li gew introdotti fl-20 ta’ Gunju, 1991. Hu sintomatiku ukoll li hadd ma jidher li pprova jigbor refund tad-dazju li suppost kien thallas fid-19 ta’ Gunju, 1991, u li ma rrizultax li thallas ghall-istess konsenji. Dana ghaliex sadattant kienet imbidlet is-sistema kif fuq intqal u ghalhekk ghall-istess konsenji gew processati dokumenti godda kwazi identici kif fuq spjegat mill-gdid u wahda minnhom fuq l-istess karta uzata ghall-entry tad-19 ta Gunju, 1991.

Illi jidher li dan l-abbuz ssuccieda ghall-firxa ta’ zmien b’mod regolari u li l-konsenji affettati biha kienu jirrigwardaw biss li z-zewg socjetajiet tal-appellati w socjeta’ ohra li l-uniku direttur taghha hu persuna bl-istess kunjom mhux komuni ta’ tlieta mill-appellati. Dwar dan l-

ahhar kaz hemm appell iehor pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Illi l-ewwel domanda naturali u logika li wiehed jistaqsi hi : Min kellu l-akbar interess li jaghmel dan kollu ? Ir-risposta ma tistax tkun hlief l-istess socjetajiet li zgur kienu jibbenefikaw bil-kbir jekk jigi evitat il-hlas tad-dazju involut fuq tant partiti. Illi hu ferm rilevanti l-fatt li z-zewg socjetajiet tal-appellati ma jidhirx li gew b'xi mod pregudikati jew zvantaggjati b'dak li kien qed isir ghax huma kienu qed jottjenu ir-rilaxx tal-merkanzija taghhom minn kwantita' kbira ta' releasing officers differenti u qatt ma kellhom il-merkanzija taghhom mizmuma . Ghalhekk jekk kien qed jittiehed xi zball mill-kaxxiera tad-Dwana , jew jekk dawn kienu qed jitfghu il-flus fil-but taghhom wara li jkun sar il-hlas , kif donna pprospettat l-Ewwel Qorti , dan ma kien bl-ebda mod qed jeffettwa l-pozizzjoni tal-appellati negattivament L-unika entita' li kienet qed tigi pregudikata kienet id-Dwana ossia l-aerarju pubbliku .

Illi gustament jissottometti l-appellant Avukat Generali li mhu xejn versomili , probabbli jew possibbli li il-flus kienu verament thallsu lil kaxxiera diversi u li dawn kollha fi granet differenti u f'cirkostanzi differenti b'kumninazzjoni approprjaw ruhom minn somom kbar lilhom imhallsa billi ma dahhluhomx fil-cash book u tefghuhom il-but u dana biss , minn daqstant eluf ta' importaturi , fil-kaz taz-zewg socjetajiet tal-appellati. Din l-ipotesi tipprezupponi xi speci ta' ko-operattiva tal-kaxxiera kollha tad-Dwana – li ta' spiss kienu jimbidlu kif irrizulta - li b'kongjura bejnithom jiddeciedu li proprju jittargetjaw lil dawn iz-zewg socjetajiet u lill-hadd aktar – hlief socjeta'ohra importatrici ta' qarib ta' tlieta mill-akkuzati - ghal dan l-agir kriminuz. Din l-ipotesi hija ghal kollox “far fetched” u ma tistax tittiehed bis-serjeta' kif donnha haditha l-Ewwel Qorti .

Di fatti l-Ewwel Qorti qalet li “hemm suspett qawwi hafna li l-azzjoni kriminuza in disamina kienet giet kommessa proprju minn persuni li ghandhom access ghal din is-sezzjoni “ (tal-cash office) . Apparti li dan is-suspett tal-Ewwel Qorti ma jidhirx li hu marbut ma xi prova konkreta u huwa biss kongettura prospettata mid-difiza , l-Ewwel

Qorti mhux suspett riedet tfittex f'dan l-istadju tal-process mentali taghha , imma spjegazzjoni li ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta' tikkonvinciha li l-appellati kienu fil-fatt hallsu d-dazju li l-Prosekuzzjoni ghamlet il-prova "prima facie" li ma thallasx.

Illi l-Ewwel Qorti qalet li l-provi kienu ta' natura indizjarja u li ma kienux fil-fehma taghha jwasslu necessarjament u ragonevolment ghas-sejbien ta' htija minghajr dubju ragonevoli u ma kienux univoci . Imma ghal kuntrarju fil-fehma ta' din il-Qorti il-Prosekuzzjoni waslet biex zgur ghamlet il-prova li is-socjetajiet tal-appellati kienu mpurtaw f' Malta l-merkanzija w li din giet fil-pussess u kontroll taghhom u wkoll saret il-prova "prima facie" li d-dazju fuq dil-merkanzija ma kienx thallas . Biex jithallas id-dazju irid ikun wasal ghand l-aerarju w dan zgur li ma wasalx . Altru li kienu univoci l-provi tal-prosekuzzjoni sa dan l-istadju u cioe' li fir-rigward tal-akkuzi taht l-Ordinanza tad-Dwana kienu suppost jinvertu l-oneru tal-prova fuq l-appellati , jekk ser isostnu li d-dazju thallas.

U allura la sa hawn il-provi indizjarji suppost li kellhom ireggu, spjegazzjoni w prova ressqu l-appellati ? Zgur li l-allegazzjoni li l-flus gew approprjati jew misruqa mill-impjegati tad-Dwana ma gietx pruvata mill-appellati . Lanqas ma jista' jintqal li din l-ipotesi prospettata mid-difiza kienet wahda verosimili u probabbli.  Jista' wiehed jaccetta fil-kuxjenza tieghu bhala ipotesi serja , verosimili w probabbli dik prospettata mid-difiza u accettata mill-Ewwel Qorti li dan kien kollu l-effett ta' xi speci ta' "racket" da parti ta' xi impjegati tad-Dwana li regolarment jircevu flus veri, jaghmlu timbru falz u b' numru barra s-sekwenza w umbaghad jitfghu il-flus fil-but – kulltant ammonti ingenti fi flus kontanti – "in full view" ta' kull min kien ikun hemm fil-cash office , u dana qiesu ma gara xejn ? Umbaghad meta wiehed iqis li dan is-serq jew mizapproprjazzjoni da parti tal-impjegati tad-Dwana dejjem kien qed jikkoncerna – minn daqstant mijiet u eluf ta' importaturi f' Malta – biss liz-zewg socjetajiet tal-appellati u lil socjeta' ohra b'Direttur bl-istess kunjom rari , dana kemm hu verosimili w probabbli ?  Il-buon sens li kull gudikant irid juza meta jigi biex japprezza l-fatt ma jistax iqis dawn l-ipotesijiet bhala

verosimili . Jekk kien hemm dan l-abbuz mill-impjegati tad-Dwana ghaliex kien qed isir biss meta titfaccja entry ta' Tessons Ltd. jew ta' J. Cachia Caruana Limited u tat-terza socjeta' fuq imsemmija w ebda importatur iehor ?

Il-buon sens u l-preponderanza tal-provi jiddettaw li ma kienx il-kaz li kien hemm xi abbuz da parti tal-impjegati tal-cash office tad-Dwana , imma ta' xi hadd iehor li sab mezz kif isib feles fil-katina tal-procedura tad-Dwana biex jaqbez l-istadju tal-hlas tad-dazju bl-uzu ta' timbri foloz li jindikaw tali hlas u b'hekk jinganna lir-releasing officers u jottjeni r-rilaxx tal-merkanzija. L-indizji kollha jippuntaw lejn iz-zewg socjetajiet li taghhom l-appellati kienu diretturi .

Illi gie assodat anki permezz tar-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Ivan Formosa (Dok. IF) li ebda wiehed mis-17 il-timbru tar-“RECEIVED PAYMENT” li kienu jintuzaw mid-Dwana fil-periodu in kwistjoni (Dok. V1 sa V17) ma kienu uzati biex saru l-improbri fuq l-entries kollha inkriminati (Dok. HA1 sa HA47 u HA68 sa HA95). Il-konsegwenza ta' dan ma tistax tkun hlief li allura it-timbri jew ahjar l-improbri li jinstabu fuq dawn l-entries kienu foloz . Dan illum ma jidhirx li hu kontestat mill-appellati . Ghalhekk kull sottomissjoni tad-difiza dwar is-security o meno li kien hemm fid-Dwana fir-rigward ta' dawn it-timbri hija rrilevanti ghax mhux dawn it-timbri ntuzaw imma timbri ohra foloz.

Fl-istess waqt ebda wiehed mill-ammonti ndikati fuq l-entries relattivi bhala dazju jew levy li kellha tithallas – u suppost skond it-timbru falz li thallas – ma jidher li gie entrat fil-cash books li kienu jintuzaw mid-Dipartiment f'dak il-periodu. Ebda wiehed mill-kaxxiera li ttellghu jixhdu u li kienu jahdmu fil-cash office fil-periodu relattiv ma gharaf l-inizjali tieghu fost dawk l-inizjalijiet kollha li akkumpanjaw l-improbrju falz . L-aerarju pubbliku zgur li ma ircevuix l-ammonti indikati f'dawn l-entries ghax il-flus li kienu jigu percepiti mid-Dipartiment tad-Dwana u depozitati fil-bank kienu ovvjament dawk li jidhlu fil-cash books tieghu . Illi l-entries kollha in kwistjoni kienu taz-zewg socjetajiet li jissemmew fic-citazzjoni liema socjetajiet zdoganaw il-merkanzija li fuqha suppost thallsu d-dazju u/jew levies. Ebda importatur iehor – hlief wiehed

bl-istess kunjom ta' tlieta mill-appellati li l-kaz tieghu jifforma l-mertu ta' proceduri kriminali separati – mill-eluf ta' importaturi ohra li importaw konsenji fil-periodu relattiv ma kien effettwat b'dan il-fenomenu . Jekk kien hemm xi hadd li ovvjament seta' bbenfika mill-abbuz li rrizulta li kien isir dan kienu zgur iz-zewg socjetajiet tal-appellati . Meta f'nofs Gunju , 1991, imbidlet is-sistema u r-releasing officers kellhom jesigu provi ohra tal-pagament tad-dazju u levies oltre li jaraw it-timbru "Received Payment" , is-socjeta' J. Cachia Caruana Limited li gja kienet bdiet tipprocessa entry ghall-importazzjoni abortiet il-process hesrem u nonostante li skond timbru fuq photocopy li kienet halliet fid-Dipartiment tal-Kummerc tal-istess entry , li kien ukoll juri "received payment" , meta regghet pprezentat il-karti ghall-istess konsenja , kienet did-darba verament hallset id-dazju bla ma biss talbet ghar-refund tad-dazju li suppost kienet hallset fid-19 ta' Gunju,1991 skond it-timbru li kien jidher fuqha.

Ma jirrizulta ebda kaz iehor simili wara d-19 ta' Gunju, 1991 , meta l-issikkar tal-procedura rrenda s-sistema impossibbli li tibqa' tithaddem.Dan l-ahhar fatt ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li dak li kien qed isir ma kienx gej minn xi abbuzz da parti tal-kaxxiera , ghax kieku dawn kienu qed jisirqu jew japproprjaw ghalihom il-flus li kienu suppost qed ihallsu iz-zewg socjetajiet , setghu komplew jaghmlu dan anki wara d-19 ta' Gunju, 1991 . Kollox invece jindika li dan l-agir waqaf hesrem meta iz-zewg socjetajiet indunaw li bil-kontrolli godda li kienu gew introdotti ma setghux ikomplu jizdoganaw merkanzija fuq is-semplici espedjent li jipprezentaw entry b'timbru falz "received payment" lir-releasing officers.

F'dan l-istat tal-provi , din il-Qorti thoss li l-Ewwel Qorti kien imissha waslet ghall-konkluzzjoni logika w legali li l-prosekuzzjoni ghall-inqas kienet ipprovat li id-dazju u / jew levy fuq il-konsenji kollha indikati ma kienx thallas , ghall-inqas "prima facie" . U allura hawnhekk kellu jiskatta d-dispozittiv tal-Artikolu 77 tal-Ligi tad-Dwana , kif interpretat fil-gurisprudenza nostrana fuq citata. L-oneru tal-prova tal-hlas tad-dazju suppost li gie spostat ghal fuq l-appellati u l-ewwel Qorti kellha una volta tasal ghal din il-konkluzzjoni

li “prima facie” saret prova bizzejjed li d-dazju ma thallasx , li taghmel indagni biex tara jekk dan l-oneru giex skarikat u mhux twarrab l-impilazzjonijiet ta’ dan l-artikolu 77 f’ paragrafu wiehed pjuttost nebuluz kif sar fl-ahhar tas-sentenza appellata.

Mill-provi li rrizultaw u li gew fuq rikapitolati ma jistax jinghid li gie pruvat al menu sal-grad tal-probabbli li s-socjetajiet importaturi tal-appellati ppruvaw li d-dazju jew levies dovuti in fatti gew imhallsa. It-timbru falz “received payment“ - ladarba jirrizulta bla dubju li hu falz – zgur li ma jistax jingieb bhala prova tal-hlas . Dan hu assjomatiku . L-inizjali ta’ persuna mhux identifikata w mhux decifrabbli li akkompanjat l-improbrju falz ukoll ma tistax titqies bhala xi prova tal-hlas. Jekk l-appellati kienu jafu min kienu l-kaxxiera li suppost ghamlu dawn l-inizjali meta suppost saru il-pagamenti , kien jinkombi fuqhom li jidentifikawhom sabiex umbaghad setghu isiru l-kontrolli w l-investigazzjonijiet mehtiega. Dana pero’ ma sarx u marka maghmula minn xi hadd injot zgur li ma tistax tingieb bhala prova ta’ ricevuta dipartimentali meta t-timbru li jakkompanjha jirrizulta li hu falz. Lanqas ma gew esebiti xi cheques tas-socjetajiet in kwistjoni li juru li gew “cashed” mid-Dwana (jew minn xi hadd iehor li seta’ kkonvertihom ghall-uzu tieghu b’abbuz) . Ir-raguni ta’ dan kienet li ic-cheques kienu jigu distrutti wara certu zmien. Lanqas instab il-“ledger” tal-kumpanija Tessons Ltd. ghax dan ghosfor xi jumejn qabel il-perkwizizzjoni li saret mill-Pulizija. Min-numru ta’ impjegati taz-zewg socjetajiet li qalu li kienu gieli hallsu ammonti sostanzjali ta’ cash , hadd minnhom ma seta’ jkun preciz u jindika x’hallas ezatt fi granet partikolari w ghall-konsenji partikolari , imma dawn xehdu biss b’mod generiku w bla ebda rabta ghal dak li jirrigwarda zmien u konsenji partikolari. Umbaghad irrizulta li fis-sistema tal-kontabilta’ ta’ Tessons Limited kien hemm istruzzjonijiet li dawk il-pagamenti li ma jkunux jidhru li saru b’cheques li jigu lura mill-bank, l-impjegati – fuq istruzzjoni tal-appellat Andrew Ellul Sullivan – kellhom iqisuhom li thallsu “cash” mhux ghax attwalment jafu li thallsu hekk imma ghax hekk tahom istruzzjonijiet l-imsemmi appellat . Inoltre meta kienu jsiru dawn il-pagamenti b’cash , dawn kienu jigu addebitati lill-kont

personali tal-appellat Andrew Ellul Sullivan . Lanqas ingabu kotba ohra tal-kummerc biex b'xi mod jissostanzjaw il-hlas , in mankanza tal-ledger li ma instabx , kotba li skond il-ligi suppost li kellhom jinzammu miz-zewg socjetajiet skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

Anki meta umbaghad wiehed jifli d-depozizzjonijiet tal-erba appellati , ma jsibx prova wahda konkreta w specifika tal-hlas ta' xi wahda jew aktar mill-ammonti li suppost thallsu bhala dazju u/ jew levy .

L-ewwel ma xehed kien l-appellat PHILIP AZZOPARDI li qal biss li hu kien "sleeping partner" tas-socjeta' J. Cachia Caruana Ltd.u li kien jhalli kollox f'idejn id-Direttur l-iehor Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u li hu ma jmurx l' hinn u li din ma kienetx il-linja tieghu .Ikollhom il-meetings ta' meta jaghmlu l-balance sheet u jkun hemm l-awditur . Hu kellu xoghol iehor fl-amusement parks u mistoqsi mill-Qorti kellux xi haga li ried izid , qal li ma kellu xejn x'izid. (Fols. 968-969) .

Umbaghad xehed f'zewg okkazzjonijiet l-appellat CARMEL SIVE CHARLES ELLUL SULLIVAN (fols.969 sa 971 u 973 sa 979). Hu spjega li kien Managing Director ta' J. Cachia Caruana Limited u jiehu hsieb xi igibu minn barra , ix-xoghol u n-nies. Spjega ghala kienu jhallsu hafna bil-"cash" minhabba li ma kellhomx "cash float" (Sic.) recte "flow" bizzejjed u pprezenta dokumenti biex skondu jipprova ghala kellhom juzaw "cash" konsistenti f' accounts (Dok. AC1 , AC2 u AC3 ) . Kellhom ghalhekk juzaw il-cash biex ihallsu d-dwana w l-levies. Ghamilha cara ukoll li bix-xoghol li ghandu w safar hu ma jmurx id-Dwana biex jghaddi l-karti w jeffettwa l-hlas. L-unika darba li mar id-dwana kien biex kellem lill-ufficjal Mario Gatt . Ma eskludiex pero' li kien hemm mumenti meta hallsu b'cheques. Records ta' min mill-impjegati tal-ufficcju kien imur ihallas id-dazju m'ghandhomx , pero' records li flus thallsu kellhom . Kien ihallilhom il-flus hemm biex johduhom .

Umbaghad l-istess appellat spjega li l-impjegati kienu jmorru d-dwana , jaghmlu li ghandhom jaghmlu , jhallsu , l-karti jmorru ghand il-burdnar u itellghu x-xoghol li jkun gie releasjat . Hu kellu l-karti in order . Mhux hu kien jircevihom il-karti lura. Probabbli kien jircevihom il-burdnar , jew jigu l-ufficcju bihom biex il-burdnar jghaddi ghalihom , inkella jekk jinzerta l-burdnar ikun x'imkien hdejhom , il-Marsa jew Xatt il-Belt , jaghtuhom lill-burdnar , jew jigborhom mill-ufficcju . Il-burdnar kien imur itella x-xoghol , jigi l-mahzen , ihottu , umbaghad il-karti jmorru biex jaghmlu l-costings u dawn l-affarijiet . Il-karti jaslu ghand is-socjeta' tieghu w hu b'hekk ikun ivverifika li sar il-pagament.

Rega tenna li hu ma jmurx id-dwana ihallas . Pero' mar xi erba , hames darbiet ghand Mario Gatt . Il-pagamenti jidhru riflessi fil-kontijiet tal-kumpanija ossia fil-balance sheets tal-1990/1991. Min-naha taghhom il-flus hargu w mill-ufficcju telqu. Ma eskludiex li saru pagamenti b'cheque imma ma jafx hux wiehed, tnejn, tlieta , erba. Kellhom izommu l-cash biex ma jigux "tight" mall-Bank u jkunu jistghu jhallsu mill-ewwel.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni fil-kontroezami, kif seta' kellu l-cash jekk qed jghid li kellhom problema ta' "cash flow " u allura jekk jigi "short of cash" ma jaghmilx sens li jhallas dawk l-eluf kollha "in cash" , ix-xhud wiegeb li qed jitkellmu fuq "gradual cash" . il-pagamenti "gradual" saru . Dawn ma thallashomx f'daqqa . Mistoqsi jekk il-pagamenti jitnizzlux fil-"cash books" , ix-xhud wiegeb : "Heqq, issa dak nahseb iktar l-Accountant jista' jghidlek , mhux jien, ghax jien ma ndahhalx affarijiet fil-kotba. Pero' cash records ghandna , kollox gie audited." Mistoqsi biex jindika c-cifri li jaqblu mall-entries in kwistjoni, x-xhud wiegeb : "Mhux jien. Jien m'inhiex Accountant".

L-APPELLAT JOSEPH ELLUL SULLIVAN , Direttur u shareholder f' Tessons Ltd. xehed li l-kumpanija timpjega sebghin ruh u timporta l-merca tal-ikel. Ix-xoghol tieghu hu managerial, igifieri banek, administration, costings u affarijiet hekk .Dwana jiehu hsiebha l-appellat Andrew Ellul Sullivan kien . Minhabba li kienu marru hazin

f'kumpanija ohra Tessons Touristic Services, il-banek bdew jaghfsuhom anki fuq il-kumanija Tessons Ltd. Kellhom overdraft ta' cirka LM800,000 fuq "turn-over" ta' kwazi LM5,000,000. u kien "tight" hafna. Kienu ghalhekk izommu likwidita' ta' cash ghax jekk tidhol merkanzija li tkun perishable, trid ittella' x-xoghol u haga kera li tmur id-Dwana w thallas b' bounced cheque ghax jigi fraud. Kienu ghalhekk ihallsu lid-dwana w ghall-fornituri lokali b'cash. Esebixxa dokumenti biex jipprova t-"tightness" tal-account (Dok. S1 sa S4) kif ukoll it-tlitt balance sheets tal-1990, 1991 u 1992 (Dok. S 5) .

Kompla jixhed li meta kienu marru s-Security tad-Dwana kienu elevaw mill-ufficcju tal-kumpanija rubber stamps tal-kumpanija, invoices, karti tad-Dwana w xi ledgers ukoll. Dawn qatt ma regghu gabuhom lura w ma jafx x'sar minnhom .

Huma kellhom Dipartiment imsejjah is-Shipping Department u kellhom segretarja Nadia Cassar li tipprocessa l-karti w zewg runners Franco li miet u Italo.

Spjega lil mill-limit ta' LM800,000 kienu joperaw fuq LM770,000 u kull ma kien ikollhom leeway kien ta' LM30,000 biex ihallsu fatturi ta' barra u l-bqija kienu jzommu likwidita' biex ihallsu dazji , levies u fornituri lokali .

Ix-xhud cahad li qatt kellu x'jaqsam ma timbri foloz ; foloz meta gew il-fizzjali u tawhom ix-xoghol ? Kien f'Mejju, 1992 li qalulhom li kienu foloz . Hu ma kellux x'jaqsam dwar l-ipprocessar tal-entries . Lanqas qatt ma ghamel timbri foloz jew kien jaf li qed jintuzaw timbri foloz . Kieku kien jaf li qed jaghmel hazin ma jahsibx li ser jigi l-Qorti u jghid li ma ghamilx hazin , hux? Hu m'ghandux x'jaqsam.

In kontro-ezami, qal li fl-ufficcju tal-Accountant dejjem kien hemm ledger book. Hu ma kienx jiccekkja personalment il-ktieb fejn jitnizzel il-cash flow. Jekk ghandu Accountant ? Hu mhux Accountant. Ma jistax jghid jekk dawn il-pagamenti tnizzlux jew le . Ma jafx. Hu ma jaghmilx audit. "La hemm Audit accounts, staqsuh lill-accountant" .

Mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk jafx li hargu dawn il-flus , ix-xhud wiegeb “Jekk jidhol ix-xoghol mhux bilfors”. Dan il-cash kollu kien jinzamm fis-safe tal-papa’ taghhom. Hu jaf fejn hu s-safe jew safes. Imma jekk huma ghandhom kaxxier , jew inkella kellu c-cwievet tas-safes huh, ghax hu kien jiehu hsieb biex ihallas u jaghmel, hu ma kellux bzonn ikollu cavetta ukoll . Ippressat mill-Prosekuzzjoni biex iwiegeb jekk jistax jghid personalment thallsux dawn il-pagamenti li jammontaw ghal madwar LM400,000, ix-xhud qal li jekk hu qieghed fil-management , jaf li jekk kien hemm certu ammont u li huh kien jghidlu “illum hallasna d-Dwana” sa certu ammont mis-sales li konna naghmlu matul il-gimgha kienu jergghu iwarrbu . Jaf li kien jidhol u johrog il-cash . Ghax allahares ma jkunx jaf hux wiehed mid-Diretturi li jidhol u johrog il-cash? Jaf minn dak li kienu jghidulu ghax mhux id-Dipartiment tieghu . Hu qatt ma ha entry forms id-Dwana personalment. Hu kien jara l-entry form wara li jinhatt ix-xoghol . Hu jahdem il-costings wara li tkun thallset il-merkanzija w wara li jinhatt ix-xoghol. Jistenna l-kont tal-burdnar ukoll biex idahhal kollox fil-cost book. (Sic.) Il-procedura tad-Dwana jafha b’kollox, li tmur tirregistra , umbaghad tmur il-long room , mill-long room tmur dirett il-cash , imma hu qatt ma ghamilha ghax mhux fid-dipartiment tieghu.

L-APPELLAT ANDREW ELLUL SLLIVAN , direttur u shareholder ta’ Tesson Ltd. xehed li hu kien responsabbli biex jara l-karti tad-Dwana li jsiru, jithallsu , biex ix-xoghol ma jdumx hafna fuq il-moll , sales , idur il-hwienet u jiccekkja. Hu kien jiehu hsieb is-shipping flimkien ma Nadia , il-burdnar , Franco Farrugia li issa miet u Italo . Nadia kienet tlesti l-karti tad-Dwana , hu jiccekkjhom , ihallihom got-tray, jigi Franco jew il-burdnar jew Italo , imur jaghmel id-deposit id-Dwana , umbaghad tmur il-long room u jekk tkun tajba , tmur il-cash wahedha . Kif tmur il-cash jigi Italo jew Franco , jghidlu li ghaddiet u jitolbu l-flus biex ihallsu id-dazju . Jistaqsihom kemm u jlestilhom il-cash jew daqqiet ic-cheque , skond kif ikunu , hu w jatihom lill-Franco Farrugia jew lil Italo Tufigno skond min ikun hemm. Kien hu li jiddeciedi jekk hux flus jew cash skond kif jara l-overdraft . Jekk dan ikun “tight” hafna

ihallas cash . Jekk ikun “within the limits”, ihallas b’ cheque. Hu d-Dwana kien jinzel mhux hafna qiesu darbtejn , tlitt darbiet f’ sena. “Not so much” . Hu darbtejn kien mar ihallas id-dazju . Kienet soma qawwija darba xi LM35,000 u darba xi LM12,000. Jiftakarhom ghax kienu somom kbar . Meta mar hu kien ikun hemm tlieta , erba kaxxiera “quite a lot” . Tmur ghand min tispicca w jkun hemm messaggier jghidlek ghand min tmur .

Zied jghid li huh kien jiehu hsieb l-Administration, kellhom Accounts Department u Shipping Department u jimpjegaw xi 70 ruh. Sa meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-8 ta’ Marzu, 2000, kien ghadhom juzaw is-sistema ta’ hlas b’cash ghax kien ghadhom “hard up” u “tight” hafna ghax id-dwana ghamlitilhom sekwestri fuq il-kont u fuq merkanzija li tiswa’ LM300,000 li kellha kollha tintrema’ l-Maghtab.

Hu ma setax jifhem dil-bicca xoghol tat-timbri foloz ghax l-ewwel haga hu ma seta’ jaghmel qatt xi haga ghax hu lanqas imissha minn god-Dwana , dik automatically tmur ghand il-kaxxiera . La darba tidhol god-dwana , qabel thallasha ma tohrogiex . Kif jista’ jidhol ghaliha hu ? Hu qatt ma kellu x’jaqsam ma timbri foloz. Dak iz-zmien id-Dwana qatt ma kienu jaghtu ricevuta , kien jaghmel timbru w bicca firma meta mar ihallas hu.

Wara xi zmien , xi sentejn , kienu gew tad-Dwana l-ufficcju taghhom xi tlitt darbiet u hadu kull m’hemm , timbri, invoices, dokumenti karti tal-istocks u cash book li huh jghidlu “ledger book” . Dak iz-zmien ma kienux computerised.

In kontro-ezami , x-xhud qali li ma kienux gew Pulizija ma tad-Dwana w ma jafx tawhomx ricevuta meta hadu dawn id-dokumenti n-nies tad-Dwana. Mistoqsi min kien prezenti, l-appellat wiegeb li jahseb li kien hemm huh u l-impjegati taghhom . Ma jiftakarx lil min kien qal b’din il-perkwizizzjoni w ma kienx semmieha fl-istqarrija tieghu. Il-Pulizija wara kienu gew u ma gewx ma tad-Dwana. Hu ma jafx x’sar minn dawn id-dokumenti, setghu kienu l-Qorti w setghu qeghdin id-Dwana.

Mistoqsi jekk it-timbri li l-Prosekuzzjoni kienet qed tallega li kienu foloz kienux jigu ttimbrati minn diversi kaxxiera differenti fi hdan id-Dwana , wiegeb li hu ma setax jghid ghax darbtejn kien mar bil-cash u darbtejn bic-cheque, anzi hames darbiet bic-cheque.L-ohrajn bhal Italo u Franco ukoll marru bic-cheque . Ma setax jghid liema mill-pagamenti saru bic-cheque . Irid jaqbad il-karti tad-Dwana w jiccekkja mac-cheque book u hekk ikun jaf thallsitx bic-cheque jew le . Irid jiccekkja .  Meta kien zghir kien imur spiss . Ma setax jghid it-timbri kienux foloz jew le.

Meta mar hu il-cash il-form sabha ghand il-kaxxier . Ta' l-ohrajn ma setax jghid. Il-ledger tad-Dwana kienu haduh . Ledger kienu jghidulu bhala “cash book” fejn ikun hemm il-cash diehel u hiereg u c-cheques. Meta haduh tad-dwana damu xi xaharejn lejl u nhar biex jaghmlu iehor bejn wiehed u iehor , mhux kopja. L-ammonti li hemm fil-balance sheets hargu mill-ammonti tal-entries.

Mistoqsi jekk il-balance sheets gewx kompilati ukoll a bazi tal-entry forms li d-Dwana qed tallega li ma thallasx dazju fuqhom ,  ix-xhud wiegeb mela dak il-ledger ta' tlitt snin . Il-ledger ikun ohxon . Kellhom jaqbdu l-forms , l-invoices li kienu gabu minn barra , l-ircevuti li hallsu tat-trasport , diesel , trakkijiet u mekkaniks , kollox u kellhom jaghmlu tlitt xhur lejl u nhar “to build another one” . Ippressat mill-Prosekuzzjoni biex jghid jekk dan sarx ukoll a bazi tac-cifri li hemm fl-outgoing cash fuq hlasijiet tal-entry forms li l-Prosekuzzjoni qed tallega li ma sarx hlas fuqhom , l-appallat wiegeb li umbaghad huma kienu bdew mill-gdid u ghamlu wiehed gdid ghax hafna affarijiet ma sabu xejn u ghamlu ledger gdid. . Hu kien talab dawn id-dokumenti lura mid-Dwana verbalment biss lil Mario Agius, Mario Gatt u lil kullhadd .

In riezami w mistoqsi jekk hu kienx indahal fil-bicca kif rega gie kompost il-ledger , ix-xhud wiegeb li ma kienx indahal. Ikkonkluda billi qal li jikkonferma li kien hallas id-dazju li qatt ma kien ghamel timbru falz u li ma kienx jaf li hemm timbru falz.

Illi din il-Qorti hasset il-htiega li tirriproduci “in extenso” s-sustanza tax-xiehda tal-erba appellati ghax minnha jidher li ma hemm ebda prova specifika li minnha jista’ jigi pruvat li sar il-hlas ta’ almenu partita wahda ta’ dazju w levy dovuti fuq id-diversi entry forms li it-timbru “received payment” li hemm fuqhom jirrizulta falz. Id-depozizzjoni kienet fi kliem generiku , dwar x’isir is-soltu u x’ suppost isir u mhux fil-fatt x’sar . Apparti li tnejn mill-appellati Philip Azzopardi w Joseph Ellul Sullivan spjegaw li huma ma kienux involuti direttament fil-proceduri tad-Dwana w ghalhekk ovvjament ma setghux jiddeponu fuq dettall, iz-zewg appellati l-ohra Carmelo sive Charles u Andrew Ellul Sullivan, li accettaw li il-hlasijiet u proceduri tad-Dwana kienu jaqghu taht il-mansjonijiet taghhom, xorta wahda ma fornew ebda prova konvincenti , al menu sal-grad tal-probabbilita’ , li xi wahda mill-partiti specifikatament kienet thallset .

L-erba appellati kollha rrikorrew ghall-genericita’ , kif , del resto xehdu l-impjegati taghhom li tressqu mill-prosekuzzjoni. Ghalkemm Andrew Ellul Sullivan stqarr li fl-ahhar snin kien hallas xi darbtejn b’cash ammonti sostanzjali u xi hames darbiet b’cheque hu personalment id-Dwana , ma rabat dawn il-hlasijiet ma ebda konsenja jew entry form specifika. Ghalkemm xehed li ried jiccekkja mac-cheque book biex jara liema pagamenti kienu saru b’cheques , dan baqa’ ma ghamlux u lanqas jidher li talab li jaghmlu qabel ma l-kawza marret ghas-sentenza. L-inqas li wiehed seta’ jistenna kien li ladarba xi pagamenti -sia pure ftit minnhom – kienu saru b’cheques , wiehed jipprova jqabbel mac-cheque books biex jipprova li dan il-pagament ikun sar u jipproduci bank statements biex juri li c-cheques in kwistjoni ssarrfu . Jekk hemm bzonn setghu jigu ngunti l-banek biex jipproducu statements li juru dan . Kieku nstabu cheques ghall-ammonti relattivi jew anki ghal hamsa minnhom biss li juru li l-pagament kien effettivament sar minkejja t-timbru falz, dan kien jiskossa serjament il-kaz tal-prosekuzzjoni ghaliex jekk minkejja t-timbru falz , kien jirrizulta l-hlas ikun sar b’cheque li ssarraf , allura wiehed seta’ ukoll jikkonkludi li seta’ gara l-istess f’dawk il-kazijiet fejn il-hlas suppost li sar b’cash.

Il-balance sheets esebiti jidher mir-risposti alkwantu evazivi ta' Andrew Ellul Sullivan meta gie pressat fil-kontroezami , li gew mibnija fuq kopji ta' dokumenti li kellha Tessons Ltd. tal-entries li fuqhom il-Prosekuzzjoni allegat li ma thallasx dazju ghax it-timbri kienu foloz u l-flus qatt ma dahlu fil-cash books tad-Dwana. Dan jimminimizza il-valur probatorju taghhom jekk addirittura ma jgibuhomx fix-xejn. F'kull kaz , x'kien jitnizzel fil-cash books tas-socjeta' ftit jista' jkun ta' prova meta, kif irrizulta w kif inghid, l-impjegati tas-socjeta' kellhom ordni minn Andrew Ellul Sullivan li dak li ma jsibux li thallas b'cheque mill-istatements tal-bank jew mic-cheques li jigu lura , KELLHOM JASSUMU li kien thallas b'cash , bla ebda verifika jew kontroll ulterjuri..

Umbaghad dwar l-ghibien tal-ledger , l-accountant li xehed dwar l-isparizzjoni tieghu , qatt ma qal li dan kienu haduh tad-Dwana. Qal biss li dan sparixxa xi jumejn QABEL ma saret is-search mill-Pulizija. Lanqas xehed li xi hadd qallu li kienu gew tad-Dwana w haduh. Ic-cirkostanzi ta' kif ghib dan il-ktieb li seta' jkollu certa mportanza fl-indagni kemm ghad-difiza kif ukoll ghal-prosekuzzjoni , huma ferm sospetti u b'ebda mod ma jghinu lit-tezi tad-difiza filli tipprova li d-dazju w levy in kwistjoni kien effettivament thallas.

Illi gja intqal li l-unika prova li d-difiza tal-appellati qed tistrieh fuqha li d-dazju kien effettivament thallas hija it-timbru "received payment" fuq l-entries inkriminati. Imma kif gja intqal , una volta stabilit li dawn l-improbrji kienu foloz ghax ma sarux bis-security stamps tad-Dwana wzati fil-periodu rilevanti , ma jistghu qatt jaghmlu l-prova tal-hlas.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li s-socjetajiet tal-appellati ma skarikawx l-oneru tal-prova tal-hlas tad-dazju w levy in kwistjoni ,li titfa' fuqhom il-ligi fl-artikolu 77 , al menu sal-grad tal-probabbilta' . Dan ghaliex ma ngabet ebda prova, specifika, konkreta w tangibbli tal-hlas ta' xi partita ndividwali minn dawk kollha li dwarhom qed jigu mixlija.

Illi ladarba rrizulta li mhux biss l-improbrji uzati fuq l-entry forms kienu gejjin minn timbri foloz u li l-aerarju pubbliku ma rceviex id-dazju w levy dovut u li l-prova tal-hlas li tmiss lill-importatur baqghet ma saritx , isegwi li allura , zgur taht il-ligi tad-Dwana hemm il-kolpevolezza tal-importatur , specjalment fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata meta jirrizulta li l-oggetti li ma jkunx thallas dazju fuqhom ikunu gew taht il-kontroll ta' persuna li tkun l-importatur innifsu .

Issa f'dan il-kaz l-importaturi huma zewg socjetajiet kummercjali debitament registrati w li taghhom l-appellati huma d-Diretturi , tnejn minnhom ta' socjeta' wahda, w t-tnejn l-ohra ta' s-socjeta' l-ohra. S'intendi kull grupp ta' zewg diretturi jrid jirrispondi ghas-socjeta' tieghu , minkejja l-fatt li huma gew akkuzati kumulattivament fi process wiehed. Ir-responsabblta' li skond l-Interpretation Act fuq citat taqa' fuq id-diretturi , hija ovvjament limitata ghas-socjeta' li taghha wiehed ikun direttur u mhux ta' kumpaniji ohra fejn l-azzjonijiet ikunu ta' persuni ohra , anki jekk dawn ikunu jigu minn dak id-direttur mill-qrib jew ta' kumpaniji mexxija minn diretturi li jigu minn direttur ta' socjeta' ohra.

Illi kif intqal fuq , l-Interpretation Act fuq citat johloq mill-gdid prezunzjoni ohra ta' htija fil-konfront ta' diretturi w ufficjali ohra ta' socjeta' kummercjali li tkun hatja ta' reat , kemm il-darba ma jippruvawx li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reat in kwistjoni.

Illi hawn ghalhekk trid tigi ezaminata il-pozizzjoni ta' kull wiehed mill-erba imputati separatament ghax jidher li jista' jkun hemm lok ghal distinzjoni bejn kull wiehed miz-zewg diretturi taz-zewg kumpaniji u cioe' bejn Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan fir-rigward tal-kumpanija Tessons Limited u bejn Carmelo sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi fir-rigward tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited.

Di fatti , fil-waqt li Andrew Ellul Sullivan jirrizulta li kien id-direttur li kien jiehu hsieb il-materja tad-Dwana u levies u

zdoganar tal-merkanzija mportata u li l-involviment tieghu kien wiehed dirett u "hands on" , mhux l-istess fir-rigward tal-appellat huh Joseph Ellul Sullivan li kien "in charge" mill-administration tal-istess socjeta' . Kif gja intqal aktar 'l fuq f'dis-sentenza , il-prova tax-xjenza trid twassal sal-grad li l-imputat kien jaf jew ma setax ma kienx jaf li l-oggetti li jkunu gew f'idejh kienu tan-natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi tal-Kap.37 . Issa fil-waqt li hu nkoncepibbli li wiehed isostni li Andrew Ellul Sullivan ma kienx jaf ezatt x'kien ghaddej , mhux l-istess ghall-Joseph Ellul Sullivan li kellu mansjonijiet ohra fis-socjeta' Tessons Ltd ad distinzjoni ta' Andrew Ellul Sullivan li kien id-direttur u amministratur inkarikat minn dak kollu li kellu x'jaqsam mad-Dwana.

L-istess fir-rigward tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited irrizulta li Philip Azzopardi minkejja li kien direttur u azzjonista kien "sleeping partner" ghax hu kellu negozju , attivita' w interessi kummercjali ohra . Invece Carmelo sive Charles Ellul Sullivan kien il-Managing Director direttament responsabbli ghat-tmexxija tal-kumpanija u dan ma setax ma kienx jaf x' kien ghaddej .

Hu minnu li l-ligi testendi din il-prezunzjoni ta' htija anki fejn wiehed li ma jkunx jaf x' kien ghaddej , ma jkunx ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat , pero' kif gie ritenut fis-sentenza fuq citata tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem "presumptions of fact" simili jridu jkunu "confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake…" Issa hu risaput li f'kull organizzazzjoni kullhadd ghandu il-funzjonijiet , il-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet tieghu . F'azjendi zghar fejn ikun hemm certa fiducja reciproka jew fejn ikun hemm relazzjonijiet familjari bejn il-persuni koncernati , mhux difficli li wiehed jiltaqa' ma kazijiet fejn dak li jkun jafda lil persuna l-ohra li tkun qed tiggestixxi taqsima ohra tal-attivita' li tkun u jhalli f'idejha. Mhux ghalhekk eskluz a prioristikament li kemm Joseph Ellul Sullivan fil-kaz ta' Tessons Limited u Philip Azzopardi fil-kaz ta' J.Cachia Caruana Limited setghu ma kienux jafu x'kien ghaddej ezatt , tal-ewwel ghax ma kienx id-dipartiment tieghu w tat-tieni ghax kif irrizulta kien biss

“sleeping partner” li halla l-gestjoni kollha tas-socjeta’ f’idejn Carmelo sive Charles Ellul Sullivan.

Fl-istat tal-provi migbura kemm Joseph Ellul Sullivan kif ukoll Philip Azzopardi jidher li ppruvaw ,almenu fuq bazi ta’ probabbilita’, li setghu ma kienux jafu x’kien ghaddej bix-xiehda taghhom . U konsidrat li l-attivita’ abuziva tas-socjeta’ rispettiva li taghha huma kienu Diretturi kienet taqa’ taht il-mansjoni eskluziva ta’ direttur iehor fil-periodu in ezami ,mhux  eskluz li anki bid-diligenza kollha xierqa setghu ma ntebhux li kien qed jigi kommess reat u allura ma setghux jipprevjenuh , specjalment jekk min kien involut direttament kien qed jentra l-pagamenti fil-kotba tas-socjeta’ bhallikieku kienu verament saru .

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , anki bl-applikazzjoni tal-ispostament tal-oneru tal-prova fuq l-importatur  u tal-prezunzjoni ta’ htija tad-Diretturi ghal reati kommessi minn socjeta’ mahluqa bl-Interpretation Act , il-pozizzjoni tal-appellati Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi trid tigi konsidrata b’mod differenti minn dik taz-zewg appellati l-ohra, viz-a-viz s-socjeta’ kummercjali rispettiva li taghhom kienu diretturi.

Invece fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal hawn fuq jidher li fil-konfront tal-appellati Andrew Ellul Sullivan bhala Direttur ta’ Tessons Limited u ta’ Carmelo Ellul Sullivan bhala Direttur ta’ J. Cachia Caruana Limited ghalkemm ma jikkonfigurawx ic-cirkostanzi w l-elementi tal-artikolu 60 (a) u (b) u l-paragrafi (a) (b) (c) (e) u (h) tal-artikolu 62 tal-Kap.37, indikati fin-Nota tal-Avukat Generali a fol-961-962 tal-process, jirrizulta l-ksur tal-ligi kontemplat fl-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37.

Illi ghar-rigward tal-akkuzi kontemplati fl-artikoli 167, 169 , 172 u 308 tal-Kodici Kriminali kontenuti fin-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Dicembru, 1990 , hawn japplikaw ir-regoli generali tal-grad tal-prova li l-ligi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellati ad distinzjoni tal-ligi tad-Dwana fejn jidhol in ballo l-artikolu 77 .

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni taht l-artikolu 167 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) li jirrigwarda l-akkuza ta' falsifikazzjoni ta'cedoli, poloz , ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna t'oggetti , jidher car li ma ngabat lanqas l-icken prova kontra xi wiehed mill-appellati li kien hu li fil-fatt u materjalment wettaq l-att ta' falsifikazzjoni tal-entries tad-dwana in kwistjoni billi kien hu li applika jew ghamel fuqhom l-improbrju falz "RECEIVED – PAYMENT" bin-numru falz . Fl-assenza ta' l-icken prova ta' dan , din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta fil-konfront tal-erba appellati .

Din il-Qorti lanqas ma thoss li hawn , trattandosi ta' att fiziku w materjali kommess minn persuna fizika wahda jew aktar , li tista' tigi akkollata ir-responsabbilta' penali fuq l-appellati in kwantu huma diretturi taz-zewg socjetajiet ghab-bazi tal-Interpretation Act. Dan fl-ewwel lok ghax ma giex pruvat minn min saret il-falsifikazzjoni w fit-tieni lok ghax ma jistax jitqies li dan it-tip ta' reat jista' jigi kommess minn xi persuna morali bhal ma hija socjeta' kummercjali .

Ghalhekk fir-rigward ta' dar-reat l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tillibera lill-erba appellati ghab-bazi ta' nuqqas komplet ta' provi.

Illi l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw ghall-akkuza dedotta kontra l-appellati taht l-artikolu 172 (1) tal-Kap.9 li tirrigwarda l-kaz ta' min jiffalsifika sigilli , timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw , jittimbraw , jimmarkaw , jawtentikaw jew jiccertifikaw f'isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu dokumenti jew oggetti , sew jekk ta' proprjeta' pubblika jew privata , jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika . Hawn irid jigi rilevat li dan ir-reat ma jirrigwardax il-falsifikazzjoni ta' dokument imma addirittura il-falsifikazzjoni tat-timbru , sigill jew marka ohra innifisha, cioe' ta' minn attwalment jiffabbrika it-timbru falz . Ma saritx il-prova li l-att materjali tal-falsifikazzjoni sar minn xi wiehed jew aktar mill-appellati w dan ir-reat ma setax jigi kommess u kunsmat minn persuna morali imma bil-fors ried jigi kommess minn persuna fizika . Ghalhekk lanqas hawn ma tiskatta xi prezunzjoni kontra l-appellati bhala

Diretturi tas-socjetajiet kummercjali rispettivi , a bazi tal-Interpretation Act.

Lanqas ma jirrizulta xi reat taht l-art. 172 (2) . Dan ghaliex ma giex pruvat li l-att materjali tal-uzu tas-sigill , timbru jew marka falsifikata , ovvjament billi dan gie applikat fuq l-entry forms inkriminati , sar minn xi wiehed jew aktar mill-appellati . F’dan il-kaz l-akkuza mhux wahda ta’ uzu ta’ dokument falsifikat izda ta’ uzu ta’ timbru falsifikat u l-“actus reus” f’dan il-kaz jikkonsisti proprju fl-eghmil tal-improbrju falz bl-uzu xjenti tat-timbru falsifikat , cioe’ d-daqqa bit-timbru falsifikat fuq id-dokument li ser jigi falsifikat . Lanqas ma gie pruvat fil-konfront ta’ xi wiehed jew aktar mill-appellati l-pussess tat-timbru falsifikat ghall-fini tat-tieni ipotesi delittwuza koperata bis-subinciz (2) tal-art. 172.

Il-pozizzjoni pero’ mhux l-istess ghal dak li jirrigwarda l-akkuza taht l-artikolu 169 li jirrigwardaw il-kaz ta’ min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti falsifikati . Hu ovvju minn dak li intqal aktar qabel f’dis-sentenza li fiz-zmien in kwistjoni iz-zewg socjetajiet kummercjali li f’isimhom kienet qed issir l-importazzjoni tal-oggetti tal-ikel fuq bazi regolari, kienu qed jivvantaggjaw ruhom billi jizdoganaw diversi partiti bla ma kien effettivament thallas id-Dazju jew levy applikabbli ghalihom . Irrizulta li dan il-vantagg inkiseb billi kienu qed jitpoggew improbrji foloz fuq il-customs entry forms li juru li l-dazju jew levy ikunu thallsu meta fil-fatt dan ma kienx minnu.

Illi d-Direttur direttament inkarikat mix-xoghol u proceduri kollha li kellhom x’jaqsmu mad-Dwana tas-socjeta’ Tessons Limited kien l-appellat Andrew Ellul Sullivan , mentri fil-kaz tas-socjeta’ J. Cachia Caruana Limited , il-Managing Director inkarikat minn dan ix-xoghol kien l-appellat Carmelo sive Charles Ellul Sullivan . Trattandosi ta’ “system of conduct” li tirrizulta pruvata mill-preponderanza tal-provi ndizjarji li ressqet il-Prosekuzzjoni fuq rikapitulati , din il-Qorti thoss li anki jekk ma rrizultax pruvat li kienu dawn iz-zewg appellati li materjalment kienu jmorru jaghmlu uzu mill-entries falsifikati billi huma stess jipprezentaw ruhom ghand ir-releasing officers biex

jizdoganaw il-kunsinni relattivi, huma zgur li jirrispondu bhala komplici f’ dan ir-reat billi kienu jkunu huma li jorganizzaw ix-xoghol tad-Dwana tas-socjetajiet rispettivi li taghhom kienu diretturi w kienu huma li taw l-ordnijiet lill-impjegati jew agenti taghhom jew xjentement ghenu jew assistew lill-istess persuni bhala awturi tar-reat fl-atti li bihom ikun gie preparat jew ikkunsmat ir-reat.

Stabilit il-fatt li l-entries in kwistjoni tas-socjetajiet rispettivi kellhom improbri ta’ timbri foloz , stabilit ukoll li ma giex pruvat li id-dazju dovut fuq l-imsemmija entries thallas, stabilit li cio’ nonostante il-merkanzija indikata fl-imsemmija entries kienet xorta wahda giet zdoganata u giet fil-kontroll tas-socjetajiet kummercjali rispettivi u stabilit li dawn iz-zewg diretturi kienu l-persuni li kienu responsabbli proprju ghat-taqsima tax-xoghol li ghandha x’taqsam mad-Dwana, u fid-dawl tal-provi kollha indizjarji li kellha quddiema ,l-Ewwel Qorti ma setghetx logikament , legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , meta lanqas biss sabet htija bhala komplici f’dawn iz-zewg appellati fl-akkuza ta’ uzu xjenti ta’ dokumenti falsifikati . Meta z-zewg socjetajiet minnhom gestiti rispettivament kienu qed jiksbu dan il-vantagg b’mod regolari proprju fil-qasam jew dipartiment tas-socjeta’ minnhom direttament amministrat , ma setax ikun li dawn iz-zewg appellati ma kienux jafu x’qed isir fid-dipartiment tas-socjeta’ li kienet amministrata minn kull wiehed minnhom direttament u rispettivament. Dan jiddettah il-buon sens .

Kif diga’ ntqal aktar il fuq meta din il-Qorti kienet qed tittratta r-reati that il-Kap.37 , iz-zewg appellati l-ohra Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi ma kienux involuti direttament fix-xoghol tad-Dwana . Tal-ewwel kellu mansjonijiet ohra fis-socjeta’ Tessons Ltd u tat-tieni rrizulta li kien “sleeping partner” u ghalhekk fil-kaz taghhom , il-provi ndizjarji ma jwasslux necessarjament ghall-konvinciment morali ta’ din il-Qorti li huma bil-fors kienu jafu li qed jintuzaw dokumenti falsifikati u f’dan il-kaz , la hemm certu element ta’dubju ragonevoli, dan irid imur favur taghhom .

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni ta’ frodi b’eghmil qarrieqi koperta bl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, japplikaw wgwalment l-istess process logiku w ragunamenti li insibu fl-ahhar tlitt paragrafi supra . Ghalhekk l-appellati Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan ghandhom jinstabu hatja bhala komplici f’dan ir-reat , mentri anki hawn ,fir-rigward tal-appellati Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi ghandu jitqies li ma gietx pruvata l-htija minghajr dubju dettat mir-raguni .

Jibqa’ biex jigi konsidrat ir-reat imsemmi fil-paragrafi f) u g) tac-citazzjoni u cioe’ dawk fejn l-imputati qed jigu akkuzati li bhala diretturi tas-socjetajiet taghhom rispettivi b’qerq warrbu mill-post tal-kustodja numru ta’ containers qabel ma l-Levy dovuta giet imhallsa jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Att Nru. XXXI tal-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali. Issa jigi osservat li , minkejja li l-Avukat Generali fin-Nota tieghu a fol-961 tal-process , ghamel riferenza ghal xi htija li tista’ tinstab taht  l-Att XXXI tal-1989 , li hu l-Att dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali , ma ndika ebda artikolu jew artikoli specifici tal-istess ligi specjali li tahthu jew tahthom setghet tinstab htija. Dan l-Att ghalkemmm mhux voluminuz fih tlittax il-artikolu u l-Avukat Generali kien imissu ndika bi precizjoni l-artikolu jew artikoli tieghu li tahtu kien qed jinvoka xi htija tal-appellati . Illi lanqas fic-citazzjoni originali ma jissemma – ghalkemm dan mhux necessarju f’dak l-istadju - xi artikolu specifiku tal-ligi li seta’ b’xi mod jghin lill-Ewwel Qorti u lil din il-Qorti biex tistabilixxi ta’ x’hiex ezatt qed jigu akkuzati l-appellati . Illi dejjem gie ritenut li n-Nota tal-Avukat Generali li biha jibghat persuna akkuzata sabiex tkun iggudikata minn dik il-Qorti ghat-tenur tal-artikolu 370 (3)(a) tal-Kodici Kriminali ghandha effett u konsegwenzi simili ghal att t’ akkuza. Din ghalhekk bhal att  ta’ akkuza ghandha tindika bi precizjoni ta’ x’xhiex dik il-persuna tkun qed tigi akkuzata sabiex jigi assikurat li tali persuna tkunu konsapevoli ezatt ta’ xhiex qed tigi akkuzata. Di fatti l-artikolu 589 tal-istess Kodici ,li jiddisponi x’ghandu jkun fih l-att t’akkuza, fis-sub-inciz (d), isemmi li “ghandu jinghad l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat”. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti , n-Nota tal-Avukat Generali hija monka fejn talbet lill-Ewwel Qorti biex issib htija taht l-Att XXXI tal-

1989 bla ma ndikat taht liema artikolu. Ghalhekk kemm l-Ewwel Qorti kienet u kif ukoll din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni tas-sitta w s-seba akkuzi indikati bl-ittri f) u g) li jaqghu taht l-imsemmi Att numru XXXI tal-1989 u konsegwentement anki ta’ xi pieni jew multi hemm kontemplati .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali limitatament kif ser jintqal hawn taht u cioe’ billi tirriforma s-sentenza appellata , billi tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellati Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi mhux hatja tal-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u lliberathom minn kull imputazzjoni w piena , kif ukoll in kwantu illiberat liz-zewg appellati l-ohra Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan mill-akkuzi koperti bl-artikoli 60 (a) (b) , 62 (a)(b)(c)(e) u (h) tal-Kap.37 , minn dawk li jaqghu taht l-artikoli 167 u 172 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) u minn kull akkuza taht l-Att XXXI tal-1989 ; u tirrevokha in kwantu ma sabitx htija fi w illiberat lill-istess Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan mill-akkuzi li jaqghu taht l-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37 u taht l-artikoli 169 u 308 tal-Kodici Kriminali , u minnflok issib lill-appellati Andrew Ellul Sullivan , Direttur ta’ Tessons Limited u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan , Direttur ta’ J. Cachia Caruana Limited , hatja talli f’ dawn il-Gzejjer fl-ahhar sentejn qabel is-6 ta’ Frar, 1992 , b’diversi atti maghmulin minnhom fi zmienijiet differenti , li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi w li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda , bhala komplici, talli xjentement ghamlu uzu minn entries tad-Dwana , ossia, cedola , polza ordni jew dokumenti ohra , illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti , jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku tal-Gvern , liema entries kellhom fuqhom timbru falsifikat bi ksur tal-artikolu 169 tal-Kodici Kriminali ,skond l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghhom indikata bl-ittra a) fic-citazzjoni , kif ukoll hatja talli b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz , jew ta’ kwalifiki foloz , jew billi urew haga b’ohra sabiex gaghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz , jew ta’ hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji , jew sabiex qanqlu tama , jew biza’ dwar xi grajja kimerika , ghamlu qliegh b’qerq ta’ aktar minn LM500 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali ,skond it-tielet u t-tmin imputazzjoni rispettivament indikati bhala c) u h) fic-citazzjoni kif emendata , kif ukoll lil Andrew Ellul Sullivan hati talli, meta kien u bhala Direttur tal-kumpanija Tessons Limited, importa ghalih f’ dawn il-Gzejjer numru ta’ containers b’merkanzija ta’ valur globali ta’ LM440,547.55c6m ,dazju fuqhom LM131,152. , Levy LM301,313.20c bil-hsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta’ importazzjoni , xjentement ghamel uzu minn dokumenti li bid-dehen tieghu kien jaf li kienu foloz f’dettall sostanzjali u b’hekk bil-qerq warrab mill-post tal-kustodja dawn l-istess containers qabel ma d-dazju u levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati skond ir-raba imputazzjoni indikata bl-ittra d) fic-citazzjoni kif emendata bid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-3 t’April, 1992 (fol.272 Vol.II) u dana bi ksur tal-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37 ; kif ukoll lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan hati talli , meta huwa kien u bhala Direttur tal-kumpanija J. Cachia Caruana Limited, importa ghalih f’dawn il-Gzejjer numru ta’ containers b’merkanzija ta’ valur globali ta’ LM272,714.17c , dazju LM71,255 u Levy Lm210,062, bil-hsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta’ importazzjoni , xjentement ghamel uzu minn dokumenti li bid-dehen tieghu kien jaf li kienu foloz f’dettall sostanzjali u b’hekk bil-qerq warrab mill-post tal-kustodja dawn l-istess containers jew parti mill-kontenut taghhom qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati skond il-hames akkuza dedotta kontra tieghu u indikata bl-ittra e) fic-citazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap. 37.

U, wara li rat l-artikoli 62 (f)(g)(i)(k) u (m) u 77 tal-Kap.37 u l-artikoli 169, 308 , 14 (2) ,17, 18, 19, 28A,42,43 u 46 tal-Kap.9 ,

Tikkunndanna lil kull wiehed miz-zewg appellati Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli 169 u 308 tal-Kap.9 ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien

sentejn b'dana li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba snin mill-lum il-hatja jikkommettu reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija;

Kif ukoll tikkundanna lil Andrew Ellul Sullivan ghall-htija tieghu taht l-artikolu 62 tal-Kap.37 ghall-hlas ta' multa ta' miljun , tnax il-elf , mitejn u seba' u erbghin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM1,012,247.10c) , import ta' l-ammont tad-dazju dovut (LM131,152) piu' d-doppju tal-valur tal-oggetti (LM440,547.55c6 X 2 = LM881,095.10c) izda mhux ukoll il-levy in vista ta' dak li intqal dwar l-imputazzjoni taht l-Att XXXI tal-1989 ; u tikkundanna lill-Carmelo sive Charles Ellul Sullivan ghall-htija tieghu taht l-artikolu 62 tal-Kap.37, ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija w sittax il-elf , sitt mija w tlieta w tmenin lira Maltin u erba w tletin centezmu (LM616,683.34c.) , import tal-ammont ta' dazju dovut (LM71255) piu' d-doppju tal-valur tal-oggetti (LM272,714.17c X 2 = LM545,428.34c), izda mhux ukoll il-levy in vista ta' dak li intqal dwar l-imputazzjoni taht l-Att XXXI tal-1989 ;

u fil-waqt li tiddikjara terz minn kull ammont rispettiv fuq imsemmi dovut minn kull wiehed miz-zewg appellati bhala dejn civili li hu dovut bhallikieku kull wiehed mill-appellati gie kundannat ghall-hlas tal-istess f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati ;

tikkoncedi lill-kull wiehed miz-zewg appellati li jhallas l-ammont rispettiv imsemmi minnu dovut fi zmien sitta u tletin (36) xahar f' rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar - fil-kaz ta' Andrew Ellul Sullivan - ta' mhux inqas minn LM28,118 , l-ewwel pagament fl-20 t' April, 2003 u l-ahhar pagament fl-20 ta' Marzu, 2006. u fil-kaz ta' Carmelo sive Charles Ellul Sullivan f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar ta' mhux inqas minn LM17,130.09c ukoll l-ewwel pagament fl-20 t' April, 2003 u l-ahhar pagament fl-20 ta' Marzu, 2006 , b'dana illi jekk ma jsirx hlas ta' xi wahda mir-rati , l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufieh u jekk ma jithallasx il-multa tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi skond l-ammont li jkun ghadu dovut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------